IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
9.2.2024	€60.659	€0.664

9th February, 2024

No. 201

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Id-9 ta' Frar, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 29

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Marsa

Nhar l-Erbgħa, 14 ta' Frar, 2024 bejn il-5.00 p.m. u s-7 p.m. minn Triq N. Sacco, Triq Azzopardi, Triq San Mikiel, Triq Isouard u lura għal Triq N. Sacco.

9th February, 2024

POLICE NOTICE

No. 29

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Marsa

On Wednesday, 14th February, 2024, from 5.00 p.m. till 7.00 p.m., through Triq N. Sacco, Triq Azzopardi, Triq San Mikiel, Triq Isouard and back to Triq N. Sacco.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Fleur-De-Lys, Birkirkara

Nhar il-Ħadd, 18 ta' Frar, 2024, mit-8.00 a.m. sal-11.00 a.m. minn Triq l-Imdina.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Birkirkara

Nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Marzu, 2024, mill-5.30 p.m. sad-9.00 p.m., minn Triq il-Bwieraq, Triq il-Fuħħarin, Triq Ignazio Saverio Mifsud, Triq il-Karmnu u Triq in-Naxxar.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Id-9 ta' Frar, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 30

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Ħal Qormi

Nhar l-Erbgħa, 14 ta' Frar, 2024, mill-4.30 p.m. sat-8.30 p.m., minn Triq San Bartolomew, Triq Santa Marija, Triq San Benedittu, Triq San Ġużepp, Triq Il-Kunċizzjoni, Triq Santu Rokku u Triq Spiteri Fremond.

Il-Fgura

Kull moviment tat-traffiku (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit f'dawn id-dati u l-ħinijiet:

Nhar l-Erbgħa, 20 ta' Marzu, 2024, mit-3.00 p.m. sa nofsillejl, minn Triq il-Karmelitani;

Nhar l-Erbgħa, 27 ta' Marzu, 2024, mill-4.00 p.m. sa nofsillejl, minn Triq il-Karmelitani;

Nhar il-Ħamis, 28 ta' Marzu, 2024, mill-4.00 p.m. sa nofsillejl, minn Triq il-Karmelitani;

Public transport will not be effected

Fleur-De-Lys, Birkirkara

On Sunday, 18th February, 2024, from 8.00 a.m. till 11.00 a.m. through Triq l-Imdina.

Public transport will be affected.

Birkirkara

On Friday, 15th March, 2024, from 5.30 p.m. till 9.00 p.m., through Triq il-Bwieraq, Triq il-Fuħħarin, Triq Ignazio Saverio Mifsud, Triq il-Karmnu and Triq in-Naxxar.

Public transport will be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

9th February, 2024

POLICE NOTICE

No. 30

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Ħal Qormi

On Wednesday, 14th February, 2024, from 4.30 p.m. till 8.30 p.m., through Triq San Bartolomew, Triq Santa Marija, Triq San Benedittu, Triq San Ġużepp, Triq Il-Kunċizzjoni, Triq Santu Rokku and Triq Spiteri Fremond.

Fgura

All traffic movement (transit or parking) is prohibited on the dates and time hereunder:

On Wednesday, 20th March, 2024, from 3.00 p.m. till midnight, through Triq il-Karmelitani;

On Wednesday, 27th March, 2024, from 4.00 p.m. till midnight, through Triq il-Karmelitani;

On Thursday, 28th March, 2024, from 4.00 p.m. till midnight, through Triq il-Karmelitani;

Nhar il-Ħamis, 28 ta' Marzu, 2024, mis-7.00 a.m. sa nofsillejl, minn Triq Hompesch, Triq is-Sur and Triq il-Liedna.

Transport pubbliku se jiġi affettwat matul il-ġranet kollha hawn fuq imsemmija.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Id-9 ta' Frar, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 31

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Tas-Sliema

Nhar il-Ħamis, 15 ta' Frar, 2024 mid-9.30 a.m. sas-1.30 p.m. minn Triq Parisio (4 postijiet ta' parkeġġ quddiem Newark School).

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Id-9 ta' Frar, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 9 tal-2024

Irkupru ta' bagi u mażżri mix-Xemxija
(Il-Bajja ta' San Pawl)

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara u lill-operaturi tal-bastimenti, li l-bagi u l-mażżri użati għad-demarkazzjoni taż-żona indikata fix-Xemxija (Il-Bajja ta' San Pawl) se jiġu rkuprati.

L-operazzjoni ta' rkupru se ssir fi kwalunkwe jum bejn it-Tnejn, 12 ta' Frar, 2024 u l-Ġimgħa, 16 ta' Frar, 2024.

Il-bagi u l-mażżri li qed jiġu rkuprati jinsabu fil-pożizzjonijiet li ġejjin kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt):

On Thursday, 28th March, 2024, from 7.00 a.m. till midnight, through Triq Hompesch, Triq is-Sur and Triq il-Liedna.

Public transport will be affected during all the abovementioned days.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

9th February, 2024

POLICE NOTICE

No. 31

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Tas-Sliema

On Thursday, 15th February, 2024 from 9.30 a.m. till 1.30 p.m. through Triq Parisio (4 parking spaces in front of Newark School).

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

9th February, 2024

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 9 of 2024

Recovery of buoys and sinkers from Xemxija
(Il-Bajja ta' San Pawl)

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and operators of vessels, that the buoys and sinkers used for the demarcation of the designated area in Xemxija (Il-Bajja ta' San Pawl) will be recovered.

The recovery operation will take place on any day between Monday, 12th February, 2024 and Friday, 16th February, 2024.

The buoys and sinkers being recovered are in the following positions as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt):

	Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
A1	35° 56'.934	014° 23'.258
A	35° 56'.921	014° 23'.269
B	35° 56'.855	014° 23'.151
B1	35° 56'.869	014° 23'.140
C	35° 56'.903	014° 23'.111
D	35° 56'.935	014° 23'.161
E	35° 56'.946	014° 23'.152
F	35° 56'.982	014° 23'.217

L-operazzjoni ta' rkupru se ssir bl-użu ta' krejn mgħobbi fuq bastiment. L-operazzjoni se tkun assistita wkoll minn għaddasa, li se jtajru l-Bandiera tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali 'A' waqt li jkun qed isir l-istħarriġ.

Il-bastiment li jwettaq l-operazzjoni se jkun ristrett fil-manuvrabbiltà.

Għandha tinżamm żona ta' sikurezza ta' 200m libera mill-punti mogħtija waqt li tkun qed issir l-operazzjoni ta' rkupru.

Kwalunkwe bastiment irmiġġat fiż-żona ta' sikurezza msemmija hawn fuq għandu jitneħħa matul dawn il-jiem.

Il-baħħara huma avżati biex jinnavigaw b'kawtela, b'veloċità baxxa u jagħtu spazju wiesa' meta jkunu fil-viċinanzi u għandhom jikkoperaw mal-kuntrattur fuq il-post.

Huma għandhom josservaw l-istruzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS.

Chart affettwata: BA 211

Pożizzjonijiet b'referenza għal WGS 84 DATUM

Id-9 ta' Frar, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 10 tal-2024

Logħob tan-nar mill-breakwater ta' Sant'Iermu fil-Port il-Kbir – 10 ta' Frar, 2024

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se jinħaraq logħob tan-nar mill-breakwater ta' Sant'Iermu fil-Port il-Kbir, minn punt A, kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt), fil-pożizzjoni approssimattiva li ġejja:

	Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
A	35° 54'.182	14° 31'.390

Il-logħob tan-nar se jinħaraq nhar is-Sibt, 10 ta' Frar, 2024, mis-7.00 p.m. sad-9.15 p.m.

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
A1	35° 56'.934	014° 23'.258
A	35° 56'.921	014° 23'.269
B	35° 56'.855	014° 23'.151
B1	35° 56'.869	014° 23'.140
C	35° 56'.903	014° 23'.111
D	35° 56'.935	014° 23'.161
E	35° 56'.946	014° 23'.152
F	35° 56'.982	014° 23'.217

The recovery operation will be carried out with the use of crane loaded on a vessel. The operation will also be assisted by divers, who will be displaying the International Code of Signals Flag 'A', while the survey is being carried out.

The vessel carrying out the operation will be restricted in manoeuvrability.

A safety zone of 200m from the given points is to be kept clear while the recovery operation is being carried out.

Any vessels moored within the above-mentioned safety zone are to be removed during these days.

Mariners are advised to navigate with caution at slow speed and give a wide berth when in the vicinity and are to cooperate with the contractor on site.

They are to comply with instructions given on VHF Channel 12 and/or 16 by Valletta VTS.

Chart affected: BA 211

Positions referred to WGS 84 DATUM

9th February, 2024

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 10 of 2024

Fireworks display from Saint Elmo breakwater in the Grand Harbour – 10th February, 2024

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a firework display will be let off from St. Elmo Breakwater in the Grand Harbour, from point A, as shown on the attached chart, in the approximate following position:

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
A	35° 54'.182	14° 31'.390

The display will take place on Saturday, 10th February, 2024, from 7.00 p.m. till 9.15 p.m.

Il-baħħara għandhom jinnutaw dan ta' hawn fuq u jżommu distanza sigura ta' mill-inqas 200m minn punt A.

Transport Malta ma taċċetta l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara kkawżata mill-ħruq tan-nar lil xi bastiment u t-tagħmir anċillari tiegħu, kemm jekk tali bastiment u t-tagħmir anċillari tiegħu jitħallew fiż-żona ta' sigurtà ta' 200m, jew barra dik iż-żona ta' sigurtà, mill-punt minn fejn jinħaraq il-logħob tan-nar.

Il-baħħara kollha għandhom josservaw kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kwalunkwe uffiċjali ta' infurzar fuq il-post.

Chart affettwata: BA 177

Id-9 ta' Frar, 2024

Mariners are to note the above and keep a safe distance of at least 200m from point A.

Transport Malta will accept no liability whatsoever for any damage caused by the firework displays to any vessel and her ancillary equipment, whether such vessel and her ancillary equipment are left within the 200m safety zone, or outside such safety zone, from the point from which the fireworks are let off.

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any enforcement officers on site.

Chart affected: BA 177

9th February, 2024

IL-KUNSILL MALTI GĦAS-SETTUR TAL-VOLONTARJAT

Pożizzjoni ta' Funding Support Officer

Numru tal-Permess ta' Jobsplus: 284/2023

Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Funding Support Officer fuq kuntratt indefinit. L-applikanti għandhom ikunu kapaċi jikkomunikaw billingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża, u li:

(a) għandhom kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 6 tal-MQF jew ekwivalenti, jew

(b) għandhom kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 5 tal-MQF, jew ekwivalenti, flimkien ma' sentejn (2) esperjenza ta' xogħol rilevanti. L-esperjenza tax-xogħol tirreferi jew għal impjieg fulltime/part-time ma' organizzazzjoni volontarja rikonoxxuta jew xogħol/esperjenza volontarja rikonoxxuta ma' organizzazzjoni volontarja. Kwalifiki fil-Counselling, Studji tad-Diżabbiltà, u Studji taż-Żgħażagħ u tal-Komunità huma preferuti. Jiġu kkunsidrati wkoll oqsma oħra ta' kwalifiki.

L-applikazzjonijiet, flimkien ma' curriculum vitae għandhom jintbagħtu lill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat, bil-posta lil: Volunteer Centre, 181, Triq Melita, Il-Belt Valletta VLT 1129; jew permezz ta' ittra elettronika lil (mcvs.miv@gov.mt), sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa, 23 ta' Frar, 2024.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sit elettroniku (https://maltacvs.org/vacancies/), jew bit-telefown fuq in-numru +356 22481110, jew permezz ta' ittra elettronika lil (mcvs.miv@gov.mt)

Id-9 ta' Frar, 2024

MALTA COUNCIL FOR VOLUNTARY SECTOR

Position of Funding Support Officer

Jobsplus Permit Number: 284/2023

The Malta Council for the Voluntary Sector invites applications for the position of Funding Support Officer on an indefinite contract. Applicants should be able to communicate in the Maltese and English languages, and:

(a) are in possession of a recognised qualification at MQF Level 6 or equivalent, or

(b) are in possession of a recognised qualification at MQF Level 5, or equivalent, plus two (2) years relevant work experience. Work experience refers to either full time/part time employment with a recognised voluntary organisation or recognised voluntary work/experience with a voluntary organisation. Qualifications in Counselling, Disability Studies, and Youth and Community Studies are preferred. Other areas of qualifications are also considered.

Applications, together with a curriculum vitae should be submitted to the Malta Council for the Voluntary Sector, by post to: Volunteer Centre, 181, Triq Melita, Valletta VLT 1129; or via email to (mcvs.miv@gov.mt) by not later than noon (Central European Time) of Friday, 23rd February, 2024.

More information can the obtained from the website (https://maltacvs.org/vacancies/), or by telephone number +356 2248 1110, or by email to (mcvs.miv@gov.mt).

9th February, 2024

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Pożizzjoni ta' Assistant Veterinary Technical Officer (Trainee)/Assistant Veterinary Technical Officer I fil-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Assistant Veterinary Technical Officer (Trainee)/Assistant Veterinary Technical Officer I fil-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assenjament ta' sena (1) bħala Assistant Veterinary Technical Officer (Trainee)/Assistant Veterinary Technical Officer I fil-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, li jista' jiġi mġedded għal sitt (6) xhur oħra sabiex jiffaċilita, jekk ikun hemm bżonn tkomplija b'suċċess tal-Vet Aid Certificate.

2.2 Il-pożizzjoni ta' Assistant Veterinary Technical Officer (Trainee) hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sitt (6) xhur.

2.3 Peress li din il-pożizzjoni hi marbuta ma' terminu ta' żmien fiss, jew tlestija ta' biċċa xogħol speċifika, il-pożizzjoni ta' Assistant Veterinary Technical Officer (Trainee) tikkostitwixxi raguni oġġettiva li taqa' taħt Regolament 7 (4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat u għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont ir-'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss'.

2.4 Din il-pożizzjoni ġiet identifikata għall-finijiet ta' subartikolu 5 tal-artikolu 4 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap. 595 tal-Liġijiet ta' Malta) u skont id-Direttiva 14.1 maħruġa mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fit-3 ta' Awwissu 2023, li jinvolvi funzjonijiet regolartorji/ta' spettorat. Il-kundizzjonijiet rilevanti elenkati fl-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u f'Direttiva 14.1 japplikaw.

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3.1 Is-salarju marbut mal-pożizzjoni ta' Assistant Veterinary Techincal Officer (Trainee) huwa ta' Skala ta' Salarju 18, li fis-sena 2024 huwa ekwivalenti għal €13,853.00 li jiżdied b'€222.00 fis-sena sa massimu ta' €15,185,00.

MINISTRY OF AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Position of Assistant Veterinary Technical Officer (Trainee)/Assistant Veterinary Technical Officer I in the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Permanent Secretary, Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights, invites applications for the position of Assistant Veterinary Technical Officer (Trainee)/Assistant Veterinary Technical Officer I in the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a one (1) year assignment as an Assistant Veterinary Technical Officer (Trainee) in the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights, which may be extended by six (6) months to facilitate, if need be, successful completion of the Vet Aid Certificate.

2.2 The position of Assistant Veterinary Technical Officer (Trainee) is subject to a probationary period of six (6) months.

2.3 Since this position is time-barred or linked to a specific task, the position of Assistant Veterinary Technical Officer (Trainee) constitutes an objective reason which falls under Regulation 7 (4) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations'.

2.4 This position has been designated as a 'post so designated' for the purposes of sub-article 5 of Article 4 of the Public Administration Act (Cap. 595 of the Laws of Malta) and in terms of Directive 14.1 issued by the Principal Permanent Secretary on 3rd August 2023, since it involves regulatory/inspectorate functions. The relevant conditions laid out in the Public Administration Act and Directive 14.1 apply.

Salary Pegged to the Position

3.1 The Salary attached to the position of Assistant Veterinary Technical Officer (Trainee) is Salary Scale 18, which in the year 2024 is equivalent to €13,853.00 rising by annual increments of €222.00, up to a maximum of €15,185.00.

3.2 Assistant Veterinary Technical Officer (Trainee) fi Skala ta' Salarju 18 li jtemm b'suċċess il-Vet Aid Certificate fil-Livell 3 tal-MQF kif rikonoxxut mill-Management minn żmien għal żmien, jiġi awtomatikament promoss għall-grad ta' Assistant Veterinary Technical Officer I fi Skala ta' Salarju 16 li fis-sena 2024 huwa ekwivalenti għal €16,130.00 li jiżdied b' €263.00 fis-sena sa massimu ta' €17,708.00, fuq kuntratt indefinit, li jġorr perjodu ta' prova ta' sitt (6) xhur.

3.3 Assistant Veterinary Technical Officer I fi Skala 16 jipprogressa għal Skala ta' Salarju 15 (€17,265.00 x €298.00 - €19,053.00) wara ħames (5) snin servizz sodisfaċenti fil-grad ta' Assistant Veterinary Technical Officer I fi Skala ta' Salarju 16.

3.4 Assistant Veterinary Technical Officer I li jikseb kwalifika rilevanti fill-livell ta' Diploma Livell 5 tal-MQF kif rikonoxxut mill-maniġment minn żmien għal żmien, waqt li jkun impjegat fil-Klassi Teknika Veterinarja jipprogressa awtomatikament għal Skala ta' Salarju 12 bħala Veterinary Technical Officer (Diploma) malli tinkiseb l-imsemmija kwalifika u mat-tlestija b'suċċess tal-perjodu ta' prova, u jibbenefika mid-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-grad ta' Veterinary Technical Officer (Diploma) misjub fi ħdan il-ftehim pertinenti.

3.5 Assistant Veterinary Technical Officer I li jikseb kwalifika rilevanti fil-Livell 6 tal-MQF kif rikonoxxut mill-maniġment minn żmien għal żmien, waqt li jkun impjegat fil-Klassi Tekinika Veterinarja jipprogressa awtomatikament għal Skala ta' Salarju 10 bħala Veterinary Technical Officer (Degree) malli tikseb l-imsemmi kwalifika u mat-tlestija b'suċċess tal-perjodu ta' prova, u jibbenefika mid-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-grad ta' Veterinary Technical Officer (Degree).

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Assistant Veterinary Technical Officer (Trainee)/Assistant Veterinary Technical Officer I jinkludu li:

i. Jgħin lill-Uffiċjali Tekniċi Veterinarji u/jew Uffiċjali Veterinarji fix-xogħol u l-ispezzjonijiet kollha fuq il-post, inkluża l-preparazzjoni ta' tagħmir tas-sigurtà;

ii. Imexxi, iġorr u/jew iżomm l-ittestjar u t-trattament filwaqt li jżomm rekords tat-testijiet u proċeduri oħra fuq database/s rilevanti;

iii. Jgħin fl-attivitajiet ta' teħid ta' kampjuni inkluż it-teħid ta' kampjuni tad-demm waqt l-ittestjar;

iv. Jappoġġja l-ispezzjonijiet fi stabbilimenti u impjanti tax-xogħol kif jista' jkun hemm bżonn minn żmien għal żmien;

3.2 An Assistant Veterinary Technical Officer (Trainee) in Salary Scale 18, who successfully completes the Vet Aid Certificate at MQF Level 3, as recognised by management from time to time, shall be automatically promoted to the grade of Assistant Veterinary Technical Officer I in Salary Scale 16, which in year 2024 is equivalent to €16,130.00 rising by annual increments of €263.00 up to a maximum of €17,708.00, on an indefinite contract, which carries a six (6) months probationary period.

3.3 An Assistant Veterinary Technical Officer I in Scale 16, will progress to Salary Scale 15 (€17,265.00 x €298.00 - €19,053.00) after five (5) years of satisfactory service in the grade of Assistant Veterinary Technical Officer I in Salary Scale 16.

3.4 An Assistant Veterinary Technical Officer I who obtains a relevant qualification at Diploma Level MQF Level 5 as recognised by Management from time to time, whilst in employment in the Veterinary Technical Class shall automatically move to Salary Scale 12, as Veterinary Technical Officer (Diploma) upon obtaining said qualification and upon successful completion of the probationary period, and will benefit from provisions regulating the grade of Veterinary Technical Officer (Diploma) found within the pertinent agreement.

3.5 An Assistant Veterinary Technical Officer I who obtains a relevant qualification at Degree Level MQF Level 6 as recognised by Management from time to time, whilst in employment in the Veterinary Technical Class shall automatically move into Salary Scale 10 as Veterinary Technical Officer (Degree) upon obtaining said qualification and upon successful completion of the probationary period, and will benefit from provisions regulating the grade of Veterinary Technical Officer (Degree) found within the pertinent agreement.

Duties

4. The job duties for the position of Assistant Veterinary Technical Officer (Trainee)/Assistant Veterinary Technical Officer I, include:

i. Assisting Veterinary Technical Officers and/or Veterinary Officers in all field work and inspections, including the preparation of safety equipment;

ii. Leads, carries and/or holds testing and treatment while keeping records of tests and other proceedings on relevant database/s;

iii. Assist in sampling activities including blood sampling during testing;

iv. Supports inspections in establishments and work plants as the need may be from time to time;

v. Jgħin lill-uffiċjal veterinarju fit-tilqim, l-eżaminazzjoni u l-ewtanizzazzjoni tal-annimali u fl-immaniġġjar tal-karkassi;

vi. Kura tal-annimali, tindif u diżinfettar tal-kompartamenti u t-tagħmir l-ieħor kollu skont l-istandards stabbiliti;

vii. Iwettaq xogħol fil-laboratorju bħall-preparazzjoni tal-midja fil-laboratorju biex jintużaw għal analiżi differenti;

viii. Jiżgura l-manutenzjoni u l-manutenzjoni xierqa ta' kuljum/perjodika tat-tagħmir kollu użat għall-operazzjonijiet ta' kuljum tal-esiġenzi tax-xogħol;

ix. Id-dħul ta' data f'databases rilevanti kif ordnat mis-superjuri;

x. Jifforma parti minn timijiet involuti fl-implimentazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fi stabbilimenti approvati

xi. Jgħin lill-uffiċjali tal-ippjanar ta' kontinġenza fit-tħejjija u l-esekuzzjoni ta' pjanijiet ta' kontinġenza għal mard differenti;

xii. Jattendi korsijiet ta' taħriġ, kemm lokalment kif ukoll barra minn Malta;

xiii. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

xiv. Iwettaq dmirijiet oħra li jistgħu jiġu aġġornati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalunkwe qasam ieħor kif ikkonfermat mis-Segretarju Permanenti;

xv. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

v. Assist the veterinary officer in vaccinating, examining and euthanising animals and in the handling of carcasses;

vi. Care of animals, cleans and disinfect enclosures and all other equipment according to standards established;

vii. Carries out laboratory work such as preparation of media in the laboratory to be used for different analysis;

viii. Ensure the proper daily/periodical maintenance and servicing of all equipment used for the daily operations of work exigencies;

ix. Inputting of data in relevant databases as instructed by superiors;

x. Forms part of teams involved in implementing official controls in approved establishments;

xi. Assisting the contingency planning officers in the preparation and execution of contingency plans for different diseases;

xii. Attends to training courses, both locally and abroad;

xiii. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xiv. Undertakes any other duties which may be updated to meet the requirements of any other area as confirmed by the Permanent Secretary;

xv. Performs any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of the other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

U

iii. ikunu uffiċjalment aċċettati f'Vet Aid Certificate rikonoxxut mill-maniġmnet fil-Livell 3 tal-MQF.

Trainees li jonqsu li jiksbu b'suċċess iċ-ċertifikat imsemmi fiż-żmien stabbilit, hekk kif stipulat f'sezzjoni 2.1 ta' hawn fuq, awtomatikament jitilfu il-kuntratt definit.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le.

5.2 (i) Kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in the Maltese and English languages;

AND

iii. officially enrolled in a recognised Vet Aid Certificate aknowledged as such by management at MQF Level 3.

Trainees who fail to complete successfully such qualification in the established timeframe, as stipulated in section 2.1 above, will automatically have their definite contract terminated.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not.

5.2 (i) Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in

speċifikata fil-paragrafu 5.1 jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_01_10_01_24_19_GPMT.pdf) xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sal-31 ta' Ottubru, 2024. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

5.3 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal ta' Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt).

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 sa 5.3, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru

paragraph 5.1 or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_01_10_01_24_34_GPENG.pdf) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 31st October, 2024. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

5.3 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

Submission of Supporting Documents

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

7.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 5.1 to 5.3, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

8.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Director Corporate Services, Ministry for Agriculture,

għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, permezz tal-Portal ta' Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Frar, 2024. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

8.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_01_10_01_24_19_GPMT.pdf) jew jinkisbu mingħand l-Assistent Direttur (People Management), Direttorat għas-Servizzi Korporattivi, Agriculture Research and Innovation Hub, Triq l-Ingiered, Ħal Luqa LQA 3300. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Fisheries and Animal Rights, through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 23rd February, 2024. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

8.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

8.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

8.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latest, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_01_10_01_24_34_GPENG.pdf) or may be obtained from the Assistant Director (People Management), Corporate Services Directorate, Agriculture Research and Innovation Hub, Triq l-Ingiered, Ħal Luqa LQA 3300. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat huma (http://agrikoltura.gov.mt) u (humanresources.mafa@gov.mt).

Id-9 ta' Frar, 2024

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Post ta' Economics Officer fil-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Economic Officer fil-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.2 Is-salarju ta' Economics Officer huwa ta' Skala ta' Salarju 10, li fis-sena 2024 huwa ta' €24,085.98 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €26,532.00.

2.3 Persuna fil-grad ta' Economics Officer titla' fi Skala ta' Salarju 9 (€25,589.02 x €447.33 - €28,273.00) wara sentejn (2) servizz fil-grad ta' Economics Officer fi Skala 10, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.4 Persuna fil-grad ta' Economics Officer titla' fi Skala ta' Salarju 8 (€27,179.02 x €486.83 - €30,100.00) wara sitt (6) snin servizz fil-grad ta' Economics Officer fi Skala 9, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 Persuna fil-grad ta' Ecomomic Officer titla' fi Skala ta' Salarju 7 (€28,855.98 x €531.17 - €32,043.00) wara sentejn (2) servizz fil-grad ta' Economics Officer fi Skala 8, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Economics Officer jinkludu li:

i. Jagħmel xogħol ta' riċerka, iwettaq analiżi ekonomika, u jwettaq xogħol relatat mal-obbligi u r-rekwiżiti tal-UE relatati mal-UE;

ii. Jissorvelja l-iżviluppi fl-acquis tal-Agrikoltura speċjalment dawk li jistgħu jolqtu lil Malta u li huma ta'

The website address and email address of the receiving Directorate are (http://agrikoltura.gov.mt) and (humanresources.mafa@gov.mt).

9th February, 2024

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Post of Economics Officer in the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Permanent Secretary, Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights, invites applications for the post of Economics Officer in the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.2 The salary for the post of Economics Officer is Salary Scale 10, which in the year 2024 is equivalent to, €24,085.98 per annum, rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €26,532.00.

2.3 An Economics Officer will progress to Scale 9 (€25,589.02 x €447.33 - €28,273.00) on completion of two (2) years service in the grade of Economics Officer in Scale 10, subject to satisfactory performance.

2.4 An Economics Officer will progress to Scale 8 (€27,179.02 x €486.83 - €30,100) on completion of six (6) years service in the grade of Economics Officer in Scale 9, subject to satisfactory performance.

2.5 An Economics Officer will progress to Scale 7 (€28,855.98 x €531.17 - €32,043.00) on completion of two (2) years service in the grade of Economics Officer in Scale 8, subject to satisfactory performance.

Duties

3. The job duties for the post of Economics Officer include:

i. Undertakes research work, performs economic analysis, and carries out work related to EU obligations and requirements related to the EU;

ii. Monitors the developments in the Agriculture acquis especially those which may impact Malta and are of relevance

rilevanza għad-drittijiet u l-obbligi ta' Malta taħt il-qafas leġiżlattiv attwali. Jikkordina u jipprovdi appoġġ kif meħtieġ lid-Direttur tal-Agrikoltura dwar il-pożizzjoni nazzjonali biex jiżgura li l-interessi ta' Malta jkunu salvagwardjati;

iii. Jikkopera u jassisti lid-Direttorat tal-Agrikoltura fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, jiżgura l-abbozzar f'waqtu ta' Noti ta' Istruzzjoni, Noti ta' Sfond u Noti ta' Informazzjoni, filwaqt li jiżgura li dawn ikunu konformi mal-pożizzjoni ta' Malta;

iv. Jikkordina bejn id-Direttorat tal-UE u tal-Affarijiet Internazzjonali, il-PREU, l-EUCD u dipartimenti oħra għal feedback u pożizzjonijiet tal-Gvern (linji ħomor) li għandhom jiġu kkomunikati mal-UE għal kwistjonijiet relatati ma' setturi li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru;

v. Jipprepara, jikteb u/jew jevalwa Speaking Notes u Lines biex jieħu għal-laqgħat tal-UE kif xieraq u jiżgura li l-pożizzjoni ta' Malta tkun salvagwardjata;

vi. Jorganizza u jevalwa dokumenti (Briefing Notes and Lines to take), u jattendi laqgħat interni ta' informazzjoni qabel il-laqgħat ministerjali tal-Kunsill ta' kull xahar jekk meħtieġ;

vii. Jiġbor u jipprepara d-data meħtieġa biex jimmonitorja s-settur agrikolu lokali u jirrapporta f'konformità mar-regolamenti rilevanti tal-UE u nazzjonali

viii. Iwettaq, u jikkordina analiżi ad-hoc tad-data kif mitlub mid-Direttorat;

ix. Iwettaq intervisti u dħul ta' data u proċessi ta' kodifikazzjoni;

x. Verifika tad-data, kontrolli tal-kwalità u verifiki tad-data;

xi. Jgħaqqad data minn sorsi differenti biex tiġi żgurata l-kompletezza u l-integrità tad-data;

xii. Juża metodoloġiji u proċeduri xierqa sabiex jipproduċi riżultati affidabbli u imparzjali;

xiii. Parteċipazzjoni f'aġġornamenti ta' taħriġ tal-intervistaturi u assistenza f'mistoqsijiet ta' kuljum;

xiv. Jikkordina mad-dipartimenti u l-aġenziji tal-linja meħtieġa fi ħdan l-acquis tal-Agrikoltura biex jassistihom kif meħtieġ fl-obbligi ta' rappurtar u jiżgura li dawn jintbagħtu fil-ħin u b'mod korrett;

xv. Jipparteċipa f'laqgħat relatati mal-acquis tal-Agrikoltura u jsegwi l-eżitu tagħhom, kemm f'Malta kif

to Malta's rights and obligations under the current legislative framework. Liaises with and provides support as necessary to the Director Agriculture on the national position to ensure that Malta's interests are safeguarded;

iii. Cooperates and assists the Agriculture Directorate within under the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights ensure the timely drafting of Instruction Notes, Background Notes and Briefing Notes, while making sure that these are in line with Malta's position;

iv. Liaises between, EU and International Affairs Directorate, PREU, EUCD and other departments for feedback and government positions (red lines) to be communicated with the EU for matters related to sectors that fall under the responsibility of the Ministry;

v. Prepares, writes and/or evaluates Speaking Notes and Lines to take for EU meetings accordingly and ensures that Malta's position is safeguarded;

Il-pass mark f'kull wieħed mill-eżamijiet bil-miktub hija ta' 50% imma biex tkun eliġibbli għall-intervista persuna trid iġġib 60% tal-marki globali tal-Ewwel Parti.

It-Tieni Parti – Intervista Estiża

L-Intervista Estiża (dawk il-kandidati li jkunu ġabu 60% tal-marki globali fl-Ewwel Parti, u 50% tal-marki f'kull karta, biss ikunu eliġibbli għat-Tieni Parti). Din il-parti ġġorr total ta' 200 marka u tkun tikkonsisti fi:

A. Diskussjoni fi Grupp

Il-kandidati jiġu eżaminati fuq kemm huma fluwenti, ċari u kapaċi jesprimu ruħhom, kif ukoll kemm jafu dwar is-suġġett magħżul.

Il-marki tad-Diskusjoni fi Grupp huma mqassma hekk:

a. Ċarezza fl-espressjoni verbali;

For the guidance of candidates a copy of the syllabus is as indicated below:

Part I – Written Examination

Paper 1 – English (3 hours)

a. Multiple choice: Candidates will be set with a number of questions to test their competence in international relations and current affairs (40 marks);

b. Speech: Candidates are to write a speech for the Minister on a topic chosen by the examiners (500-550 words) (80 marks);

c. Argumentative essay (600-650 words) (80 marks).

Total marks: 200 marks

Paper 2 – Maltese (3 hours)

a. Translation from English to Maltese (70 marks);

b. Précis: Candidates will be expected to summarise an article/text in 150-180 words (70 marks);

c. Drafting of a press release on a text submitted by examiners (300 words) (60 marks).

Total marks: 200 marks

The pass mark in each of the written papers is 50% but to be eligible for the extended interview a candidate must obtain in Part I an aggregate total of 60% of the marks.

Part II – Extended Interview

Extended Interview (only candidates who have obtained an aggregate 60% of the marks in Part I, and obtained 50% of the marks in each of the papers, will be eligible to proceed with Part II of the selection exercise). The interview carries a total weight of 200 marks and shall consist of:

A. Group Discussion

Candidates will be tested on fluency and clarity of expression and delivery, as well as on the knowledge of the subject chosen.

The marks will be allocated as follows:

a. Clarity of expression;

b. Fluwenza u kapaċità biex jesprimu ruħhom;

c. Għarfien fis-suġġett magħżul.

Massimu 100 marka – Minimu 50 marka

B. Intervista Personali

Il-kandidati jiġu evalwati fuq id-dispożizzjoni tagħhom lejn karriera fis-Servizz Diplomatiku (100 marka).

Il-marki tal-Intervista Personali huma mqassma hekk:

a. Abbiltajiet ta' management u leadership;

b. Esperjenza u għarfien rilevanti;

c. Ħiliet u abbiltajiet meħtieġa għall-post;

d. Kwalifiki;

e. Għarfien tal-lingwa mitkellma (ara Paragrafu 6.1 (ii) (b)).

Massimu 100 marka – Minimu 50 marka

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

6.3 Il-marka finali miksuba matul il-proċess kollu hija stabbilita għall-60% tal-marka globali, li hija 360 minn 600 marka. L-ordni finali tal-kandidati tiġi determinata mill-marki totali li jinkisbu fl-eżami bil-miktub u fl-intervista. Fil-każ li jkun hemm kandidati li jġibu l-istess numru ta' marki, il-preċedenza tingħata skont il-proċeduri stabbiliti.

6.4 Ir-riżultat jibqa' jgħodd għal sena mid-data tal-pubblikazzjoni.

6.5 L-eżami bil-miktub jitmexxa mid-Direttur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali. Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jkollu s-setgħa li jiddeċiedi x'għandu jsir minnufih dwar kandidati li waqt l-eżami jinstabu ħatja ta' xi nuqqas jew ksur tar-regolamenti li jkunu tqassmu lill-kandidati.

6.6 Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jżomm id-dritt li jħassar l-eżami jekk tinsab xi irregolarità dwar dan l-eżami. Tħassir bħal dan jista' jkun dwar l-eżami kollu, wkoll jekk l-irregolarità li tinsab tkun dwar suġġett wieħed biss jew stadju partikolari tal-eżami.

b. Fluency and delivery;

c. Knowledge of subject chosen.

Maximum 100 marks – Minimum 50 marks

B. Personal Interview

Candidates will be assessed on aptitude towards a career in the Diplomatic Service (100 marks).

The marks will be allocated as follows:

a. Management and leadership skills;

b. Relevant experience and knowledge;

c. Skills and abilities required for the post;

d. Qualifications;

e. Knowledge of spoken languages (see paragraph 6.1 (ii) (b)).

Maximum 100 marks – Minimum 50 marks

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.5, have proven relevant work experience.

6.3 The overall pass mark of the whole selection process has been established at 60% of the total marks, that is 360 marks out of a total of 600. The final order of merit of successful candidates will be determined by the total marks gained in Part I and Part II. In the case of candidates who obtain the same number of marks, precedence will be determined in accordance with the established procedures.

6.4 The result will remain valid for one (1) year from the date of publication.

6.5 The written examination will be conducted by the Director, Examinations, and the Board of Local Public Examinations. The Board of Local Public Examinations will have the power to deal summarily with any candidate who, while the examination is in progress, is found guilty of misconduct or any breach of the instructions issued for the guidance of candidates.

6.6 The Board of Local Public Examinations reserves the right to annul the examination if any irregularity is detected in connection therewith. Such annulment may be in respect of the whole examination even if the detected irregularity is in respect of only one subject or a particular stage of the examination.

6.7 Id-Direttur tal-Eżamijiet jippubblika r-riżultat tal-eżami bil-miktub, li jiġi esibit fuq in-noticeboard tal-Edu Servizz.gov, Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, il-Furjana, u dak taċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Ir-Rabat, Għawdex.

6.8 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat tal-eżami (i) jidher fuq is-sit tad-Dipartiment tal-Eżamijiet li hija (www.myexams.gov.mt); u (ii) jintbagħat ukoll SMS lill-kandidati li jkunu ssottomettew numru tal-telefown ċellulari validu mal-applikazzjoni tagħhom.

6.9 Talba għar-reviżjoni ta' karti tal-eżamijiet għandha tiġi sottomessa lid-Direttur tal-Eżamijiet fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol mid-data tal-avviż imsemmi f'paragrafu 6.8.

6.10 Wara li r-riżultat tal-eżami miktub jiġi ppubblikat, dawk il-kandidati li jkunu għaddew jiġu mitluba biex jattendu għal intervista minn bord tal-għażla.

6.11 Ir-riżultat finali jiġi ppubblikat minn, u esibit fuq in-noticeboard, tal-Ministeru li qed joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

6.12 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat finali (i) jidher fuq is-sit elettroniku tal-Ministeru li qed joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet u (ii) jintbagħat ukoll permezz ta' SMS lill-kandidati li jkunu qagħdu għall-proċess tal-għażla u li jkunu ssottomettew numru tal-telefown ċellulari validu mal-applikazzjoni tagħhom.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-Applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, permezz tal-Portal ta' Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu:

i. Curriculum Vitae f'format tal-Europass;

ii. kopja tal-karta tal-identità tal-applikant;

iii. kopji skennjati tal-kwalifiki li jinkludu t-traskrizzjonijiet fejn applikabbli; u

iv. miżata tal-eżami ta' €9.30 (mhux rifondibbli).

Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta, li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data

6.7 The Director (Examinations) will publish the result of the written examination which will be exhibited on the notice board Edu Servizz.gov, Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, Floriana, and the Examinations Centre, Victoria, Gozo.

6.8 A notification of the result of the examination will (i) appear on the website of the Department of Examinations, which may be accessed on (https://myexams.gov.mt); and (ii) sent via SMS alert to candidates who submitted a valid mobile phone number with their application.

6.9 Requests for revision of papers are to be submitted to the Director (Examinations) within five (5) working days from the date of the notification mentioned in paragraph 6.8 above.

6.10 After the publication of the result of the written examination, the successful candidates will be asked to attend for an interview which will be conducted by a selection board.

6.11 The final order of merit will be published by, and exhibited on the noticeboard of the Ministry issuing the call for applications.

6.12 A notification of the issue of the final result will (i) appear on the website of the Ministry issuing the call for applications and (ii) sent via SMS alert to candidates who underwent assessment and who submitted a valid mobile phone number with their application.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Director for Corporate Services, Ministry for Foreign and European Affairs and Trade, through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include:

i. a Curriculum Vitae in Europass format;

ii. a copy of the applicant's identity card;

iii. scanned copies of qualifications including transcripts where applicable; and

iv. an examination fee of €9.30 (non-refundable).

Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in

tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Frar, 2024. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provedimenti ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati fl- indirizz (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_01_10_01_24_19_GPMT.pdf) jew jinkisbu mid- Dipartiment tar-Riżorsi Umani, Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, 331, Allied House, Triq San Pawl, Il-Belt Valletta. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku, in-numru ta' kuntatt u l-indirizz elettroniku tad-Dipartiment huma (www.foreign.gov.mt), (+356) 2204 3030 u (recruitment.mfet@gov.mt).

Id-9 ta' Frar, 2024

PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 23rd February, 2024. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latest, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result; medical examination;

the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_01_10_01_24_34_GPENG.pdf) or may be obtained from the Human Resources Department, Ministry for Foreign and European Affairs and Trade, 331, Allied House, Triq San Pawl, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address, contact number and email address of the receiving Department are (www.foreign.gov.mt), (+356) 2204 3030 and recruitment.mfet@gov.mt.

9th February, 2024

KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

Sejħa għall-Applikazzjonijiet għall-Pożizzjoni ta' Kap (Akkwist u Amministrazzjoni) mal-Kunsill Malti għall-Arti

Numru tal-Permess ta' Jobsplus: 131/2024

L-Għan Primarju tal-Pożiżzjoni

Kontabbiltà lejn id-direttur rispettiv għall-maniġment tal-proċessi tal-akkwisti tal-KMA fl-intier tagħhom sabiex tiżgura konformità mal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-prokura interna u governattiva, inkluż il-kollegament ma' ministeri u dipartimenti governattivi għall-approvazzjonijiet għall-akkwisti xierqa.

Taġixxi bħala mezz li minnu jgħaddu l-akkwisti kollha sabiex tiżgura l-aħjar valur għal xiri bi ħlas kompetittiv u l-valutazzjoni komparattiva regolari sabiex tiżgura prezzijiet kompetittivi.

Tkun kontabbli għal kwistjonijiet amministrattivi relatati mal-maniġment tal-binjiet u l-faċilitajiet.

Responsabbiltajiet Ewlenin

Tikkordina u tieħu ħsieb tal-proċessi tal-Offerti/RFP fl-intier tagħhom skont il-proċessi u politika governattiva, u li tabbozza d-dokumentazzjoni relatata (offerti/kuntratti, eċċ.) f'kollegament mal-istaff involut;

Tikkollega mal-istaff fuq il-bżonnijiet ta' akkwisti, tanalizza u tevalwa t-talbiet ta' akkwisti, u tipprovdi pariri;

Takkwsita kwotazzjonijiet, tevalwa spejjeż, u tfittex li takkwista l-aħjar valur għall-flus minfuqa;

Tiżgura li l-ispejjeż huma fil-limiti tal-baġit u li huma pprovduti permezz tat-tip ta' finanzjament xieraq;

Toħloq ordnijiet għax-xiri, twettaq monitoraġġ ta' ordnijiet għax-xiri, u tiżgura preċiżjoni fil-fatturi tal-forniturі;

Tiżgura konformità mal-politika, proċeduri, leġiżlazzjoni, u l-aħjar prattika tal-akkwist tal-KMA u tal-Gvern;

Timxi ma' u tiżgura konformità mad-direttivi finanzjari governattivi;

Issolvi problemi relatati max-xiri, il-kunsinna, id-dħul, u l-pagamenti relatati mal-forniturі;

ARTS COUNCIL MALTA

Call for Applications for the Position of Head (Procurement and Administration) at Arts Council Malta

Jobsplus Permit Number: 131/2024

Prime Focus of Position

Accountable to respective director for the management of ACM's complete procurement processes ensuring compliance with internal and government procurement policies and legislation including liaison with Government Ministries and Departments for appropriate procurement approvals.

Act as a channel through which all procurement is directed ensuring best value for money purchasing through competition and regular benchmarking to ensure competitive prices.

Accountable for the administrative issues related to premises and facilities management.

Main Responsibilities

Coordinates and handles the Tendering/RFP process in full as per Government processes and policies and drafts all related documentation (tenders/contracts etc) in liaison with the staff involved;

Liaises with Staff on procurement requirements analysing and evaluating procurement requests and providing advice;

Obtains quotes, evaluates costs and seeks to achieve best value for money;

Ensures expenditure has been budgeted for and are provided for through the appropriate funding;

Raise purchase orders, monitor outstanding purchase orders and ensure accuracy of supplier invoicing;

Ensures compliance with ACM's and Government procurement policies procedures legislation and best practice;

Adheres and ensures adherence to government financial directives;

Resolves problems related to purchasing, delivery, receiving and payment to the supplier;

Tiddetermina s-sors tal-problemi u tieħu l-azzjonijiet korrettivi xierqa;

Tidentifika oqsma fejn jista' jsir tfaddil u fejn jistgħu jitjiebu prattiki attwali;

Tiżgura li dokumentazzjoni vinkolanti tgħaddi mill-iskrutinju tas-Sezzjoni Legali;

Tmantni sistema ta' preżentata preċiża sabiex tiżgura li d-dokumentazzjoni hija maħżuna b'mod xieraq;

Tassisti lid-Direttur (Affarijiet Korporattivi) fil-preparazzjoni u l-implikazzjonijiet amministrattivi tal-Pjanijiet tan-Negozju ta' Kull Sena, Pjanijiet tal-HR, kumpilazzjoni tal-PQs, FOIs, kif ukoll rapporti oħra skont kif ikun il-bżonn;

Tirrapporta għand id-Direttur (Affarijiet Korporattivi) fuq bażi ta' kull xahar fuq l-attivitajiet tad-Direttorat u tirrakkomanda azzjonijiet xierqa sabiex jiġu indirizzati oqsma problematiċi, i.e. backlogs, kwistjonijiet ta' riżorsi umani, eċċ.;

Tassisti lid-Direttur (Affarijiet Korporattivi) fil-kordinament ta' kwistjonijiet amministrattivi ma' direttorati u organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi;

Tiżviluppa u timplimenta linji gwida tas-saħħa u s-sigurtà u ttejjeb il-kwalità tal-akkomodazzjoni u t-tagħmir tal-uffiċċju;

Kwalunkwe dmirijiet oħra skont kif ikunu assenjati mid-Direttur (Affarijiet Korporattivi), il-Kap Eżekuttiv, jew ir-rappreżentant/a tiegħu/tagħha.

Kontabbiltà

Tkun responsabbli għall-preparazzjoni tal-ordnijiet għax-xiri u l-immaniġġjar fit-totalità tiegħu kollu tal-preparazzjonijiet ta' offerti/talbiet għal proposti, inkluż il-preparazzjoni ta' offerti/talbiet għal dokumenti ta' proposta f'konformità mal-linji gwida tal-KMA u l-Politika u Proċeduri tal-Akkwist tal-Gvern;

Konformità mal-proċeduri ta' akkwist u awtorizzazzjonijiet xierqa miksuba f'konformità mal-politika tal-akkwist tal-KMA u tal-Gvern; u

Tikkonferma li l-prodotti/servizzi ġew imwassla/fornuti skont kif mitluba.

Titjib Individwali

Tkun mgħarrfa sew u aġġornata mal-politika amministrattiva, strateġiji, u kwistjonijiet governattivi;

Determines source of the problem and takes appropriate corrective action;

Identifies areas where savings can be made and current practices improved;

Ensures all binding documentation is vetted by the Legal Department;

Maintains an accurate filing system ensuring documentation is filed appropriately;

Assists the Director (Corporate Affairs) in the preparation and on the administrative implications of the Yearly Business Plans, HR Plans, compilation of PQs, FOIs and other reports as necessary;

Reports to the Director (Corporate Affairs) on a monthly basis on the activities of the Directorate and recommends appropriate action to address problem areas i.e. backlogs, staffing issues etc.

Assists the Director (Corporate Affairs) in co-ordinating administrative issues with the other directorates and public culture organisations;

Develops and implements Health and Safety policy guidelines and enhances the quality of office accommodation and equipment;

Any other duties assigned from time to time by the Director (Corporate Affairs), Executive Chairman or his/her representative.

Accountability

Responsible for preparation of purchase orders and handling in full the preparation of tenders/request for proposals including preparation of tenders / requests for proposal documents within the guidelines of ACM and government Procurement Policies and Procedures;

Compliance with procurement procedures and appropriate authorizations obtained in line with ACM's and Government procurement policies; and

Confirmation that goods/services are delivered/rendered as requested.

Self-Improvement

Be well informed and up-to-date on Government administrative polices, strategies and issues;

Tattendi taħriġ regolari għall-iżvilupp individwali u professjonali.

Kompetenzi Essenzjali u Kundizzjonijiet tax-Xogħol Mhux Normali

L-abbiltà li tavża, tappoġġja, u tinfluwenza firxa varjata ta' individwi strateġiċi;

L-iffukar fuq il-kompiti, b'enerġija u motivazzjoni;

L-abbiltà li tipprijoritizza u taħdem taħt pressjoni;

Tuża u teżerċita l-ġudizzju indipendeti u raġunat;

Livell eċċellenti ta' ħiliet interpersonali, u komunikazzjoni miktuba u mitkellma;

Ħiliet organizzattivi u attenzjoni għad-dettall;

L-abbiltà u r-rieda li tivvjaġġa;

Taħdem skont kif ikun hemm bżonn biex twettaq ix-xogħol b'rispett lejn l-iskadenzi.

Kwalifikazzjonijiet u Esperjenza Meħtieġa

Grad ta' Masters fil-Livell 7 tal-MQF jew kwalifkazzjoni kumparabbli rikonoxxuta fl-Akkwist, fl-Amministrazzjoni tan-Negozju jew kwalifikazzjoni ekwivalenti, rikonoxxuta u kumparabbli kif ukoll sentejn (2) ta' esperjenza ta' xogħol rilevanti.

JEW

Grad ta' Baċellerat fil-Livell 6 tal-MQF 6 fl-Akkwist, Amministrazzjoni tan-Negozju, jew kwalifikazzjoni ekwivalenti, rikonoxxuta, u kumparabbli, kif ukoll sitt (6) snin ta' esperjenza ta' xogħol rilevanti.

Applikat għandu jkollu:

Minimu ta' sentejn (2) ta' esperjenza f'ambjent ta' xogħol tal-akkwist b'esperjenza tanġibbli estensiva fil-preparazzjoni ta' offerti tal-Gvern mill-bidu sat-tmiem;

Ikun diġà kompletament kapaċi u midħla tal-proċessi tal-offerti governattivi mill-bidu sat-tmiem bl-abbiltà li jwettaq dan fuq inizjattiva proprja;

Għarfien ġenerali ta' proċeduri tal-uffiċċju u għarfien tar-Regolamenti tal-Akkwist Governattivi;

Ħiliet ta' negozjar tajba;

Attend regular training for self and professional development.

Essential Competences and Abnormal Working Conditions

Ability to advise, support and influence a diverse array of strategic people;

Task-focused, with energy and motivation;

Ability to set priorities and work under pressure;

Use and exercise of independent and seasoned judgement;

Excellent level of interpersonal skills, written and oral communication;

Organizational skills with attention to detail;

Ability and willingness to travel;

Work as necessary to meet deadlines.

Qualifications and Experience Required

a Master's degree at MQF Level 7 or higher recognised comparable qualification in Procurement, Business Administration or equivalent, recognized and comparable qualification plus (2) years relevant work experience.

OR

a Bachelor's qualifications at MQF Level 6, in Procurement, Business Administration or equivalent, recognized and comparable qualification, plus six (6) years relevant work experience.

An applicant must have:

Minimum two (2) years' experience in a procurement environment with an extensive hands-on experience in preparing government tenders from start to finish;

Already fully capable and conversant with Government tendering process from start to finish on own initiative;

General awareness of office procedures and knowledge of Governments Procurement Regulations;

Good negotiating skills;

Ħiliet analitiċi u tas-soluzzjoni tal-problemi tajba;

Kapaċitajiet organizzattivi u tal-ippjanar;

Ħila ċara ta' komunikazzjoni b'mod effettiv kemm bil-Malti u kif ukoll bl-Ingliż;

Ħiliet interpersonali tajba għal interazzjoni b'mod effettiv ma' kull livell ta' staff u partijiet terzi;

Abbiltà li jaħdem b'inizjattiva proprja u abbiltà li jipparteċipa bħala membru ta' tim;

Proficjenza fl-użu ta' firxa estensiva ta' software awtomatizzat tal-uffiċċju;

Mentalità kreattiva u l-abbiltà li jaħdem tajjeb taħt pressjoni, iwettaq il-kompiti b'mod effiċjenti, u jimmaniġġja skadenzi stretti.

Kuntratt u Informazzjoni dwar is-Salarju

Il-kandidat/a magħżul jintrabat b'kuntratt ta' impjieg ta' tliet (3) snin, bil-possibbiltà li dan jiġi estiż b'perjodu ieħor ta' tliet (3) snin, skont il-prestazzjoni tiegħu/tagħha. Is-salarju mħallas se jkun dak ta' salarju bażiku ta' €36,000 fis-sena 2024 (Grad 4 tal-Istruttura ta' Gradi u Salarji tal-KMA), Bonus tal-Prestazzjoni sa massimu ta' 15% fis-sena, Benefiċċju tal-Komunikazzjoni b'kollox inkluż ta' €1,600 fis-sena, u Benefiċċju tat-Trasport b'kollox inkluż ta' €1,500 fis-sena.

Applikazzjonijiet

Applikanti interessati huma mitluba li jibagħtu ittra ta' motivazzjoni flimkien mas-CV u kopji ta' ċertifikati lil (vacancies@artscouncil.mt).

Id-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet hija nhar it-Tnejn, 19 ta' Frar, 2024, f'nofsinhar.

Applikanti eliġibbli jintalbu jattendu għal intervista ta' selezzjoni.

Id-9 ta' Frar, 2024

L-AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL

L-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol qed tfittex biex timpjega persuni fuq bażi full-time għall-post ta':

Skrivani (Permess ta' Jobsplus: 107/2024).

Sound analytical and problem-solving skills;

Planning and organisational capabilities;

Demonstrated ability to communicate effectively in both Maltese and English;

Good interpersonal skills to effectively interact with all levels of staff and third parties;

Ability to work on own initiative and ability to participate as a member of team;

Proficient in the use of an extensive range of office automation software;

A creative mindset and the ability to work well under pressure, completing tasks efficiently, and handling tight deadlines.

Contract and Salary Information

The selected candidate will enter into a three (3) year employment contract, with the possibility to renew for a further period of three (3) years, depending on his/her performance. The salary paid will be of a basic salary of €36,000 in 2024 (Grade 4 of the ACM Grading and salary Structure), a Performance Bonus of up to 15% per annum, an all-inclusive Communication Allowance of €1,600 per annum and an all-inclusive Transport Allowance of €1,500 per annum.

Applications

Interested applicants are required to send a motivation letter together with a CV and copies of certificates to (vacancies@artscouncil.mt)

Closing date for applications is Monday, 19th February, 2024, at noon.

Eligible applicants will be asked to sit for a selection interview.

9th Februay, 2024

OCCUPATIONAL HEALTH AND SAFETY AUTHORITY

The Occupational Health and Safety Authority is seeking to recruit individuals for the full-time posts of:

Clerks (Jobsplus Permit: 107/2024).

Aktar dettalji, inkluż id-dmirijiet, ir-responabbiltajiet, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-ħtiġiet ta' kwalifiki u kif tapplika, jistgħu jitniżżlu mit-taqsima tal-impjieg minn (https://www.ohsa.mt/recruitment).

Id-data tal-għeluq hija nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Frar, 2024, fl-4.00 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew).

L-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol toffri opportunitajiet indaqs ta' xogħol.

Id-9 ta' Frar, 2024

AWTORITÀ TA' MALTA GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR

Hawnhekk qed tiġi notifikata l-applikazzjoni għal Indikazzjoni Ġeografika Protetta (IĠP) kif definita bir-Regolament tal-UE Nru. 1151 tal-2012 dwar Skemi ta' Kwalità għall-Prodotti Agrikoli u l-Oġġetti tal-Ikel li waslet għand l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA). Id-dettalji rilevanti tad-dossier u aktar informazzjoni huma mogħtija hawn taħt:

Applikant: Mazzit Stakeholders Group għat-termini li ġejjin (bil-korsiv):

'*Mazzit*'; (Singular = '*Mazzita*')

għall-istatus ta' IĠP fil-Klassi 1.2 Prodotti tal-laħam (imsajra, immellħa, affumikata, eċċ.)

Deskrizzjoni qasira tal-prodott li għalih japplikaw it-termini ta' hawn fuq:

Il-*mazzit* huwa prodott tal-laħam tradizzjonali Malti b'togħma ħelwa u mielħa, magħmul minn demm tal-majjal jew tal-bovini maskili. Dan id-demm jiżdied ma' taħlita ta' basal lokali, żbib, trab tal-kakaw jew ċikkulata likwida, u zokkor, u mgħottija fl-imsaren tal-ħnieżer jew tal-bovini. Minbarra dawn l-ingredjenti bażiċi, il-produtturi jżidu wkoll kwantità żgħira ta' ħwawar u ħwawar ħelwin naturali.

Il-*mazzit* għandu forma ċilindrika (bħal zalzett), li jiżen sa madwar 0.8 kg, huwa ta' kulur kannella, b'kisja tal-musrana semi-traslużida.

Il-flieli tal-mazzit finali (biż-żbib, il-basal u l-qoxra) huma viżibbli b'lewn kannella u meta jkun kiesaħ u maqtugħ ikollu tessut uniku niedi, solidu, iżda mfarrak. Ippreparat għall-ikel, huwa spiss imqatta' madwar 2.5cm ħxuna u mqiegħed fid-dqiq u moqli miż-żewġ naħat.

Konsultazzjoni

Il-perjodu ta' konsultazzjoni ta' xahrejn kif stipulat fir-Regolament 7.3 tar-Regolamenti tal-2004 dwar Indikazzjonijiet

Details for vacancies, including duties and responsibilities, terms of engagement, qualification requirements and mode of application can be downloaded from the recruitment section from (https://www.ohsa.mt/recruitment).

The closing date is on Friday, 16th February, 2024, at 4.00 p.m. (Central European Time).

The Occupational Health and Safety Authority is an equal opportunities employer.

9th February, 2024

MALTA COMPETITION AND CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

It is hereby being notified that an application for the Protected Geographical Indication (PGI) as defined by EU Regulation No. 1151 of 2012 on Quality Schemes for Agricultural Products and Foodstuffs was received by the Malta Competition and Consumer Affairs Authority (MCCAA). The relevant details of the dossier and further information is given below:

Applicant: 'Mazzit Stakeholders Group' for the following terms (in italics):

'*Mazzit*'; (Singular = '*Mazzita*')

for PGI status in the Class 1.2. Meat products (cooked, salted, smoked, etc.)

Brief description of the product to which the terms above apply:

The *mazzit* is a Maltese traditional sweet and savoury tasting meat product, made from swine or male bovine blood. This blood is added to a mixture of local onions, raisins, cocoa powder or liquid chocolate, and sugar, and encased in swine or bovine intestines. In addition to these staple ingredients, producers also add a small quantity of natural sweet flavourings and spices.

The *mazzit* is cylindrical in shape (sausage-like), weighing up to approximately 0.8 kg, brownish in colour, with a semi-translucent intestine casing.

The slices of finished *mazzit* (with raisins, onions, and zest) are visible with a brownish hue and when cold and cut it has a unique moist, solid yet crumbly texture. Prepared for eating, it is often sliced about 2.5cm thick and placed in flour and pan fried from both sides.

Consultation

The consultation period of two months as stipulated in Regulation 7.3 of the Geographical Indications and

u Denominazzjonijiet Ġeografiċi (L.S. 427.52) huwa miftuħ mid-data ta' din il-pubblikazzjoni u wara, jekk ma jkunx hemm kummenti, oġġezzjonijiet jew rappreżentazzjonijiet mibgħuta lill-MCCAA, protezzjoni nazzjonali tranżitorja titqiegħed fuq it-terminu(i), sakemm id-dossier jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni Ewropea u valutat mill-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

Kull parti interessata tista' tikkummenta, jew toġġezzjona għall-applikazzjoni bil-miktub permezz ta' ittra formali indirizzata lid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tar-Regolamenti Tekniċi, u li tiddikjara wkoll in-natura tal-interess tagħha, fi żmien xahrejn mid-data ta' dan l-Avviż.

F'każ ta' oġġezzjonijiet, ġustifikazzjoni, inkluż dokumentazzjoni ta' sostenn, għandha tiġi pprovduta.

Kwalunkwe oġġezzjoni li tasal wara t-tmiem tal-imsemmi perjodu ta' xahrejn ma tiġix ikkunsidrata.

Id-dokumenti ta' konsultazzjoni, li jinkludu l-ispeċifikazzjoni sħiħa tal-applikazzjoni, jinsabu fis-sit elettroniku tal-MCCAA (mccaa.org.mt/consultation).

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-MCCAA permezz tal-indirizz elettroniku (consultations.mccaa@mccaa.org.mt) jew bin-numru tat-telefown 2395 2000.

Id-9 ta' Frar, 2024

Designations Regulations of 2004 (S.L. 427.52) is open as from the date of this publication after which, if there are no comments, objections or representations forwarded to the MCCAA, transitional national protection will be placed on the term(s), until the dossier is submitted to the European Commission and assessed by the European Commission and Member States of the European Union.

Any interested stakeholder may comment, or object to the application in writing by means of a formal letter addressed to the Director General, Technical Regulations Division, MCCAA, also stating the nature of their interest, within two months from the date of this Notice.

A justification, including supporting documentation, is to be provided in case of objections.

Any objections received after the end of the two-month period of consultation will not be considered.

The relevant consultation documents, including the full specifications of the application, can be found on the MCCAA website (mccaa.org.mt/consultation).

Further information can be obtained by email to (consultations.mccaa@mccaa.org.mt), or by telephone number 2395 2000.

9th February, 2024

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Il-Unit tal-Kultura (Direttorat għall-Wirt Kulturali) fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex tgħarraf illi minħabba l-attivitajiet tal-Karnival Reġjonali ta' Għawdex 2024 li se jsiru fi Frar 2024 fir-Rabat, Għawdex, nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Frar, 2024, fi Pjazza San Franġisk, (in-naħa tad-djar residenzjali) mhux se jkun permess li jsir parkeġġ minħabba attività tal-Karnival mill-4.00 p.m. sa nofsillejl.

Minn nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Frar, 2024 sat-Tlieta, 13 ta' Frar, 2024, ħadd ma jista' jipparkja fi Triq Duminku Mintoff fir-Rabat, Għawdex, kuljum mill-5.00 p.m. sa nofsillejl.

Id-9 ta' Frar, 2024

MINISTRY FOR GOZO

The Culture Unit (Cultural Heritage Directorate) within the Ministry for Gozo notifies that due to the Gozo Regional Carnival 2024 no parking will be allowed in Pjazza San Franġisk, Victoria, Gozo (in front of residential area) on Friday, 9th February, 2024, from 4.00 p.m. till midnight.

From Friday, 9th February, 2024 till Tuesday 13th February, 2024, no parking will be allowed in Triq Duminku Mintoff, Victoria, Gozo, everyday from 5.00 p.m. till midnight.

9th February, 2024

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżamijiet ta' Kwalifikazzjoni Għal Supply Learning Support Educators – Jannar 2024

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf illi r-riżultati tal-eżamijiet hawn fuq imsemmija ġew ippublikati kif ukoll mibgħuta bil-posta lil kull kandidat mid-Dipartiment tal-Eżamijiet. Ir-riżultat ippubblikat jinsab fuq in-notice

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

Qualifying Examinations for Supply Learning Support Educators – January 2024

The Director of Examinations notifies that the results for the above examinations have been published and also sent by post to the candidates. The published results may be viewed at the Edu Servizz.gov, Ministry for Eduction, Sport, Youth,

board tal-Edu Servizz.gov, il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana u fiċ-Ċentru tal-Eżamijiet,Triq Fortunato Mizzi, ir-Rabat, Għawdex fil-ħinijiet tal-uffiċċju.

Dawk l-applikanti li ma rċevewx ir-riżultat bil-posta huma mitluba biex jikkuntattjaw lid-Dipartiment tal-Eżamijiet bl-email fuq (myexams@gov.mt) minnufih.

Id-9 ta' Frar, 2024

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

Aġġornament tal-Mappa Bażi 2018

L-Awtorità tal-Ippjanar tgħarraf li qiegħda twettaq aġġornament tal-mappa bażi. Għaldaqstant se jsir stħarriġ permezz ta' droni f'din il-lokalità kif indikat:

Birkirkara – mid-19 ta' Frar sat-30 ta' April, 2024

Aktar tagħrif jista' jinkiseb permezz ta' ittra elettronika lil (geomatics@pa.org.mt).

Id-9 ta' Frar, 2024

ID-DIVIŻJONI GĦALL-FONDI U PROGRAMMI, MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

INTERREG Italia-Malta VI-A Programm 2021-2027
L-Ewwel Sejħa għal Proposti ta' Proġetti

L-Unità ta' Koperazzjoni Territorjali fi ħdan id-Diviżjoni tal-Fondi u l-Programmi tixtieq tinforma li l-ewwel sejħa għal proposti ta' proġetti taħt il-Programm Interreg Italia-Malta VI-A 2021-2027 bħalissa hija miftuħa u se tagħlaq fl-4 ta' April, 2024.

Din is-sejħa għandha allokazzjoni baġitarja totali ta' madwar €27 miljun taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni (FEŻR) u tiffoka fuq għadd ta' prijoritajiet inklużi r-riċerka u l-innovazzjoni, il-protezzjoni u l-preservazzjoni tan-natura, il-kapital soċjali permezz tar-rwol tal-kultura u t-turiżmu sostenibbli, u governanza aħjar. Is-sħubija trid tkun magħmula minn mill-inqas sieħeb wieħed minn Sqallija u sieħeb wieħed minn Malta. Sabiex wieħed jara r-reġjuni eliġibbli tal-istatistika NUTS3, għandu jirreferi għat-test tas-sejħa. Għall-imsieħba Maltin, il-finanzjament tal-FEŻR ikopri 80% tan-nefqa eliġibbli. It-tip ta' benefiċjarji eliġibbli jiddependi fuq l-objettiv speċifiku.

Research and Innovation, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana and at the Examinations Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo during office hours.

Any candidate who has not received the notice is kindly requested to contact the Department of Examinations by email on (myexams@gov.mt) immediately.

9th February, 2024

PLANNING AUTHORITY

Update to the 2018 Basemap

The Planning Authority notifies the general public that it is undertaking an update to the 2018 Basemap. To this extent it will be carrying out surveys by means of drones in the following locality on the respective dates:

Birkirkara – from 19th February till 30th April, 2024

Any queries should be sent by email to (geomatics@pa.org.mt).

9th February, 2024

FUNDS AND PROGRAMMES DIVISION, MINISTRY FOR EUROPEAN FUNDS, SOCIAL DIALOGUE AND CONSUMER PROTECTION

INTERREG Italia-Malta VI-A Programme 2021-2027
First Call for Project Proposals

The Territorial Cooperation Unit within the Funds and Programmes Division would like to inform that the first call for project proposals under the Interreg Italia-Malta VI-A Programme 2021-2027 is currently open and will close on 4th April, 2024.

This call has a total ERDF budgetary allocation of around €27 million and focuses on a number of priorities including research and innovation, the protection and preservation of nature, social capital through the role of culture and sustainable tourism, and better governance. The partnership must be made up of at least one partner from Sicily and one partner from Malta. One must refer to the call text to see the eligible NUTS3 statistical regions. For Maltese partners, the ERDF funding covers 80% of the partner's eligible expenditure. The type of eligible beneficiaries depends on the specific objective.

Aktar dettalji dwar is-sejħa jistgħu jinkisbu minn (https://bit.ly/3Svolhj).

Se ssir sessjoni ta' informazzjoni b'rabta ma' din is-sejħa nhar it-Tnejn, 11 ta' Marzu, 2024. L-attendenza se tkun fuq bażi ta' 'first come first served'. Aktar dettalji, flimkien mal-aġenda tal-laqgħa kif ukoll il-post, ikunu pprovduti fil-ġimgħat li ġejjin. L-attendenza għandha tkun reġistrata minn (https://forms.office.com/e/9WcDgwLJFY).

Dawk interessati jistgħu jikkuntattjaw lill-Unità ta' Koperazzjoni Territorjali permezz ta':

Indirizz elettroniku: (territorialcoop.fpd@gov.mt)
Numru tat-telefown: +356 2555 2604

Id-9 ta' Frar, 2024


Further details about the call may be obtained from (https://bit.ly/3Svolhj).

An information session in relation to this call shall be held on Monday, 11th March, 2024. Kindly note that the attendance will be on a first come first served basis. The agenda for this meeting, including location and further details, shall be provided in the coming weeks. Attendance is to be registered through (https://forms.office.com/e/9WcDgwLJFY).

The Territorial Cooperation Unit may be contacted as follows:

Email address: (territorialcoop.fpd@gov.mt)
Telephone number: +356 2555 2604

9th February, 2024



INTERREG Italja Malta
Kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea

INTERREG Italia-Malta
Co-funded by the European Union



AĠENZIJA TAL-PROGRAMMI TAL-UNJONI EWROPEA (EUPA)

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 111(2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (A.L. 352/2016), l-Aġenzija tal-Programmi tal-Unjoni Ewropea tat il-kuntratti li ġejjin bejn l-1 ta' Lulju, 2023 u l-31 ta' Diċembru, 2023.

Id-9 ta' Frar, 2024

EUROPEAN UNION PROGRAMMES AGENCY (EUPA)

In Terms of Article Reg. 111 (2) of the Public Procurement Regulations L.N. 352 of 2016, the European Union Programmes Agency (EUPA) awarded the following contracts between 1st July, 2023 and 31st December, 2023.

9th February, 2024

Direct Orders

Nru. *No.*	Nru. ta' Referenza tad-Direct Order *Direct Order Reference Number*	Isem tal-Kwotazzjoni/ Suġġett tad-Direct Order *Direct Order Name/ Subject of Quotation*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem il-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt esklużа l-VAT *Contract Value Excl. VAT*
1	RP 091/2023	Provision of accommodation in a Four (4) star hotel for up to thirty-two (32) participants who will participate in "Training Course – How to be an anti-racist" between 4th September – 9th September 2023resourcing in relation to Accreditation for Erasmus+ 5th-7th September 2022 for the European Union Programmes Agency (EUPA)	23/08/2023	Paradise Bay Hotel	€30,643.60

Nru. *No.*	Nru. ta' Referenza tad-Direct Order *Direct Order Reference Number*	Isem tal-Kwotazzjoni/ Suġġett tad-Direct Order *Direct Order Name/ Subject of Quotation*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem il-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT *Contract Value Excl. VAT*
2	RP 097/2023	Supply and installation of Genesy Glass Partitions as per drawing & Dismantling of Gypsum Partitions and casting away for EUPA offices	01/09/2023	Project Teknik Ltd	€9,554.00
3	RP 127/2023	Provision of venue including catering facilities for EUPA Annual Event - 4th December 2023	06/11/2023	Xara Lodge	€9,898.31

L-AWTORITÀ TAL-ISTATISTIKA TA' MALTA (MSA)

Lista ta' kwotazzjonijiet, offerti u direct orders mogħtija mill-Awtorità tal-Istatistika ta' Malta matul il-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2023 u l-31 ta' Diċembru, 2023, ippubblikata skont l-Artikolu 111(2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi, S.L. 601.03 u skont struzzjonijiet maħruġa b' Ċirkulari tal-Kuntratti 12/2021 tal-25 ta' Ġunju, 2021.

Id-9 ta' Frar, 2024

MALTA STATISTICS AUTHORITY (MSA)

List of quotations, tenders and direct orders awarded by the Malta Statistics Authority during the period between 1st July, 2023 and 31st December, 2023, published in terms of Regulation 111(2) of the Public Procurement Regulations, S.L. 601.03 and in accordance with Contracts Circular 12/2021 dated 25th June, 2021.

9th February, 2024

Offerti/*Tenders*

Isem tal-Offerta *Name of Tender*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem il-Kuntrattur *Contractor's name*	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT (ewro) *Contract Value Excluding VAT (euro)*
NIL			

Kwotazzjonijiet/*Quotations*

Suġġett tal-Kwotazzjoni *Subject of the Quotation*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem il-Kuntrattur *Contractor's name*	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT (ewro) *Contract Value Excluding VAT (euro)*
NIL			

Direct Orders/*Direct Orders*

Suġġett tad-Direct Order *Subject of the Direct Order*	Data tal-Approvazzjoni *Approval Date*	Isem il-Kuntrattur *Contractor's name*	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT (ewro) *Contract Value Excluding VAT (euro)*
Provision of Fire alarm, fire extinguishers, CCTV, intercom and key card access facilities for Gozo Office	02/08/2023	Alberta Group	15,248.00
Legal services for the Malta Statistics Authority	04/09/2023	Old Mint Legal	9,600.00
Chairperson of Disciplinary Board	26/10/2023	Prof. Vincent Cassar	4,800.00
Lightening for Gozo Office	30/11/2023	Spot On	5,329.00

UNIVERSITÀ TA' MALTA

Lista ta' Direct Contracts mogħtija mill-Università ta' Malta għall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2023 u l-31 ta' Diċembru, 2023, ippubblikata skont ir-Regolament 111(2) tar-Regolament dwar l-Akkwist Pubbliku L.S. 601.03.

Id-9 ta' Frar, 2024

Nru. *No.*	Titlu tad-Direct Contract/ Suġġett tad-Direct Contract *Direct Contract Title/Subject of Direct Contract*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt Eskluż il-VAT *Contract Value Excl. VAT*
1	Procurement of an Electric Outboard motor and Controller under the MarSa project	03/07/2023	EVM Energy	7,118.64
2	Procurement of LRT Transponers for the SEA MARVEL Italia Malta Interreg project	14/08/2023	Sonardyne International Ltd	£2,557.60
3	Printing of UM Postgraduate prospectus for course opening in Oct 2023 and Oct 2024	17/07/2023	Gutenberg Press Ltd	5,530.00
4	Procurement of Liquid Helium	17/07/2023	Gas Trade (Malta)	7,650.00
5	Printing of the Seventh edition of the Unity Magazine by Faculty for Social Wellbeing	17/07/2023	Gutenberg Press Ltd	9,950.00
6	Procurement of Ventilation Systems at Gateway Interpreter Booths	17/07/2023	Aeris Environmental Europe	7,917.80
7	Provision of service for maintenance and relocation of equipment	17/07/2023	Horiba Scientific	5,700.00
8	Procurement of Solar Cells	17/07/2023	Azur Space	9,694.00
9	Technical expert for the Education AI Project	17/07/2023	Ignacio de Cordoba Alvaro	6,000.00
10	One hydrophone unit for the SEA MARVEL Italia -Malta Interreg project	17/07/2023	Cetacean Research Technology	$3,849.69
11	Printing of booklet for the Centre for Liberal Arts	17/07/2023	Best Print Co Ltd	9,600.00
12	Relocation of Microscope	22/07/2023	Carl Zeiss Spa	8,150.00
13	Provision of Editorial Services	22/07/2023	Ms Debosmita Baumik	8,000.00
14	Various Services icw Science in the City Researchers' Night 2023	14/08/2023	Istitut Kattoliku	1,834.00
15		14/08/2023	Istitut Kattoliku	4,500.00
16		14/08/2023	SideStreet Ltd	1,180.00
17	Provision of Services for iWaveNet Project	14/08/2023	Cobalt Engineering Works	2,400.00
18	Procurement of TJ Solar Cells	14/08/2023	Azur Space	9,694.00
19	Relocation of Instruments	14/08/2023	Micro Materials	£8,802.00

UNIVERSITY OF MALTA

List of Direct Contracts awarded by the University of Malta during the period between 1st July, 2023 and 31st December, 2023, published in terms of Regulation 111(2) of the Public Procurement Regulations S.L. 601.03

9th February, 2024

*Advt No. 8. Lease tale quale, on a year to year basis, for agricultural purposes, of a site known as "Il-Bur" at Il-Wied ta' Santa Marija Taz-Zellieqa, Gharghur, shown edged in red on plan P.D.2013_402. This site maybe subject to existing servitudes in favour of the adjacent properties. The bidders must be either full-time or part-time farmers, who have to submit a certificate, issued by the Department of Agriculture with the tender document or students who have completed successfully an academic course relating to agriculture within the previous five years prior to the introduction of the Legal Notice No. 573.06 who have to submit a copy of the relevant certificate also with the tender documents. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €5,886 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand and nine hundred and sixty-two Euros (€1,962) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document

*Advt No. 9. Lease for a period of fifteen (15) years of a garage without its own airspace as it is not included at No. 6 Triq is-Sibi, Rinella Housing Estate Kalkara as shown edged in red and marked Garage No. 6 on the plan P.D.77_84_1_6. This premises cannot be bought through the garage scheme. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €5,700 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand and nine hundred Euros (€1,900) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

*Advt No. 10. Lease tale quale, on a year to year basis, for agricultural purposes, of a site at Ta' Qalet Marku jew ta' Dwieli, Bahar ic-Caghaq, shown edged in red on plan P.D2017_0720_A. This site maybe subject to existing servitudes in favour of the adjacent properties. The bidders must be either full-time or part-time farmers, who have to submit a certificate, issued by the Department of Agriculture with the tender document or students who have completed successfully an academic course relating to agriculture within the previous five years prior to the introduction of the Legal Notice No. 573.06 who have to submit a copy of the relevant certificate also with the tender documents. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €1,995 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount

ammont ta' sitt mija u ħamsa u sittin ewro (€665) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

*Avviż Nru. 11. Kiri għal skopijiet kummerċjali għall-perjodu ta' ħmistax (15)-il sena ta' Ħanut tale quale f'Nru. 182, Triq il-Merkanti kantuniera ma' Triq it-Teatru, Il-Belt Valletta kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2013_190. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €33,507 hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' ħdax-il elf u mija u disgħa u sittin ewro (€11,169) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

*Avviż Nru. 12. Bejgħ tale quale ta' sit fuq in-naħa ta' wara tal-fond 'Morning Star' Triq Ġanni Vassallo, Ir-Rabat, Għawdex kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2022_0416. San is-sit huwa mdawwar minn propjetajiet ta'terzi (landlocked). L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €10,900 hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u ħamsa u erbgħin elf u ħames mija u erbgħa u sittin ewro (€145,564) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

*Avviż Nru. 13. Għotja b'ċens perpetwu rivedibbli ta' Sit tale quale biex jintuża biss għal skop ta' ġnien fi Triq il-Kamumilla, Iż-Żejtun kif muri bl-aħmar u mmarkat bl-ittra "B" fuq il-pjanta P.D.2011_959_A_2. Dan is-sit huwa soġġett għal servitujiet eżistenti favur il-propjeta' adjaċenti. Din il-propjeta' trid tintuża biss għal skop ta' estensjoni ta' front garden u biex jiġi kkrejat side curtelage . Fl-eventwalità li dan is-sit jiġi ppjanat għal units residenzjali u/jew kummerċjali, l-emfitewta ikun obbligat iħallas id-differenza għat-titjib fil-valur tas-sit.

Min jirbaħ l-offerta għandu ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax (15)-il sena wara reviżjoni skont ir-rata tal-inflazzjoni kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €5,010 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elf u sitt mija u sebgħin ewro (€1,670) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

*Avviżi li qegħdin jidhru għall-ewwel darba

of six hundred and sixty-five Euros (€665) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document

*Advt No. 11. Lease for commercial purposes for a period of fifteen (15) years of a Shop tale quale at No. 182, Triq il-Merkanti, cornering with Triq it-Teatru, Valletta as shown edged in red on the plan P.D. 2013_190. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €33,507 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of eleven thousand and one hundred and sixty-nine Euros (€11,169) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

*Advt No. 12. Sale tale quale of a site at the back of the premises at 'Morning Star' Triq Ganni Vassallo, Rabat, Ghawdex as shown edged in red on the plan P.D.2022_0416. This site is landlocked. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €10,900 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one hundred and forty-five thousand and five hundred and sixty-four Euros (€145,564) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

*Advt No. 13. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of a Site tale quale to be used solely for gardening purposes at Triq il-Kamumilla Zejtun as shown edged in red and marked Letter "B" on the plan P.D. 2011_959_A_2. This site is subject to existing servitudes in favour of the adjacent property. This property shall be used solely for the purposes of extending the front garden and creating a side curtilage. In the eventuality that the site is planned for development of residential and/or commercial units, the emphyteuta shall be obliged to pay for the enhancement value of the site.

The winning bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision according to the rate of inflation as explained in detail in the emphyteutical conditions. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €5,010 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand and six hundred and seventy Euros (€1,670) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

*Advertisements appearing for the first time

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn l-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet bil-card bankarja tal-preferenza tiegħek.

Id-9 ta' Frar, 2024

MALTA FOOD AGENCY

Il-Kap Eżekuttiv, Malta Food Agency, jgħaraf illi:

Offerti se jiġu milqugħa sa nofsinhar tal-Ġimgha, l-1 ta' Marzu, 2024 għal:

Avviż Nru. MFA/01/2024. Espressjoni ta' interess għal virtual sales and marketing agent.

L-offerti kollha iridu jkunu waslu sad-data u l-ħin stipulat u depożitati fil-kaxxa tal-offerti fl-uffiċini tal-Malta Food Agency, Ta' Qali Fruit and Vegetables Market, Triq il-Pitkali, Ta' Qali, l/o Attard ATD4000.

Id-dokument tal-offerta jista' jinġabar b'xejn mill-uffiċċju tal-Customer Care tal-Malta Food Agency, Ta' Qali Fruit and Vegetables Market, Triq il-Pitkali, Ta' Qali, l/o Attard ATD4000. Email: (mfaprocurement@gov.mt).

Id-9 ta' Frar, 2024

KUNSILL MALTI GĦAS-SETTUR TAL-VOLONTARJAT

Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat jgħarraf li l-Assoċjazzjoni Down Syndrome qiegħda tħabbar pubblikazzjoni għal sejħa għal kwotazzjonijiet:

Referenza tal-Proġett VOPS A4.01.2024

L-Assoċjazzjoni Down Syndrome teħtieġ is-servizz ta' Tutur kwalifikat ta' Appoġġ Konjittiv, bħala parti mill-VOPS A4.01.2024 'D.S. Achieve'.

Dawk interessati għandhom jibgħatu ittra elettronika għall-ispeċifikazzjonijiet lil (dsamalta1981@gmail.com).

Sottomisjonijiet jagħlqu nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Frar, 2024.

These advertisements are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website by using your preferred banking card.

9th February, 2024

MALTA FOOD AGENCY

The Chief Executive Officer, Malta Food Agency, notifies that:

Tenders will be received up to noon of Friday, 1st March 2024 for:

Advt No. MFA/01/2024. Expression of interest for a virtual sales and marketing agent.

All tenders must be received by the date and time indicated and deposited in the tender box at the Malta Food Agency's offices at Ta' Qali Fruit and Vegetables Market, Triq il-Pitkali, Ta' Qali, l/o Attard ATD4000.

Tender documents can be collected free of charge from Malta Food Agency's Customer Care Section at Ta' Qali Fruit and Vegetables Market, Triq il-Pitkali, Ta' Qali, l/o Attard ATD4000. Email: (mfaprocurement@gov.mt)

9th February, 2024

MALTA COUNCIL FOR THE VOLUNTARY SECTOR

The Malta Council for the Voluntary Sector notifies that the Down Syndrome Association is requesting the call for quotations:

Project Reference VOPS A4.01.2024

The Down Syndrome Association needs the SERVICES of Qualified Cognitive Support Tutor, as part of the VOPS A4.01.2024 'D.S. Achieve'.

For specifications prospective bidders are invited to send an email to (dsamalta1981@gmail.com).

Deadline for submissions is Friday, 23rd February, 2024.

Dan il-proġett ġie ffinanzjat permezz tal-Voluntary Organisations Project Scheme amministrat mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat f'isem il-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat

Id-9 ta' Frar, 2024

KUNSILL MALTI GĦAS-SETTUR TAL-VOLONTARJAT

Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat jgħarraf li l-Arċikonfraternità tas-Santissmu Kurċifiss, Il-Belt Valletta, qiegħda tħabbar pubblikazzjoni għal sejħa għal kwotazzjonijiet:

Referenza tal-Proġett VOPS A2.01.2024

L-Arċikonfraternità tas-Santissmu Kurċifiss, Il-Belt Valletta, teħtieġ il-kwotazzjoni tas-servizzi sabiex jinħadmu u jiġu installati: 1) x10 niċeċ tal-injam; 2) x1 antiporta; u 3) x3 vetrini, bħala parti mill-VOPS A2.01.2024

Dawk interessati għandhom jibgħatu ittra elettronika għall-ispeċifikazzjonijiet lil (ssmukurcifiss@gmail.com).

Is-sottomissjonijiet għall-kwotazzjonijiet jagħlqu fit-28 ta' Frar, 2024.

Dan il-proġett ġie ffinanzjat permezz tal-Voluntary Organisations Project Scheme amministrat mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat f'isem il-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat.

Id-9 ta' Frar, 2024

CENTRAL PROCUREMENT u SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Procurement and Supplies), Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 1 ta' Marzu, 2024. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għall-provvista ta':

CFT 020-3130/24. Plaster of Paris 15cm
CFT 020-3131/24. Silicone Paediatric Foley Catheters
CFT 020-3132/24. Duodental Stents
CFT 009-3133/24. Xiri ta' Qty 4 Digital Wireless Detectors c/w Grid for the Medical Imaging Department
CFT 020-3134/24. 3 – 4 ml Plasma tubes with Lithium Heparin and gel separator
CFT 020-3135/24. Mycobacteria Testing kits with EOL
CFT 020-3136/24. EQA Material for Hematology
CFT 020-3137/24. Special Stains for Hematology
CFT 021-3138/24. Dinoprostone 2mg Vaginal Gel

This project has been funded through the Voluntary Organisations Project Scheme managed by the Malta Council for the Voluntary Sector supported by the Ministry for Inclusion and the Voluntary sector.

9th February, 2024

MALTA COUNCIL FOR THE VOLUNTARY SECTOR

The Malta Council for the Voluntary Sector notifies that Arċikonfraternità tas-Santissmu Kurċifiss, Il-Belt Valletta VO 1760, is requesting the call for quotations:

Project Reference VOPS 02.01.2024

Arċikonfraternità tas-Santissmu Kurċifiss, Il-Belt Valletta, needs the quotations for the construction and installation of: 1) x10 niches; 2) x1 antiporta; and 3) X3 showcases, as part of the VOPS 02.01.2024

For specifications prospective bidders are invited to send an email to (ssmukurcifiss@gmail.com).

Deadline for submissions is the 28th February, 2024.

This project has been funded through the Voluntary Organisations Project Scheme managed by the Malta Council for the Voluntary Sector supported by the Ministry for Inclusion and the Voluntary Sector.

9th February, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Procurement and Supplies), Ministry for Health and Active Aging, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Friday, 1st March, 2024. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the supply of:

CFT 020-3130/24. Plaster of Paris 15cm
CFT 020-3131/24. Silicone Paediatric Foley Catheters
CFT 020-3132/24. Duodental Stents
CFT 009-3133/24. Purchase of Qty 4 Digital Wireless Detectors c/w Grid for the Medical Imaging Department
CFT 020-3134/24. 3 – 4 ml Plasma tubes with Lithium Heparin and gel separator
CFT 020-3135/24. Mycobacteria Testing kits with EOL
CFT 020-3136/24. EQA Material for Hematology
CFT 020-3137/24. Special Stains for Hematology
CFT 021-3138/24. Dinoprostone 2mg Vaginal Gel

CFT 020-3139/24. Nitrile gloves sz small
CFT 020-3140/24. Nitrile gloves sz medium
CFT 020-3141/24. Nitrile gloves sz large
CFT 009-3142/24. Pniezel
CFT 020-3143/24. Monocontainers
CFT 009-3144/24. Recessed LED Lighting Units 600mm x 600mm
CFT 013-3145/24. Clear plastic bags with black HD overprints for the Ministry for Health and Active Ageing.
CFT 020-3146/24. Femoral Venous Perfusion Cannulae & Insertion Kits

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

Is-6 ta' Frar, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Procurement and Supplies), Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva, jgħarraf illi:

CFT 009-3125/2. Provvista ta' Paint Rollers,

ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tas-6 ta' Frar, 2024, ġie mħassar.

Id-9 ta' Frar, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Sourcing and Supplies Management) għas-Central Procurement u Supplies Unit fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tat-Tnejn, 12 ta' Frar, 2024.

ERU0502U24. Medicinal
ERU0502U24A – Devices
ERU0502U24B – Devices
ERU0502U24 – Devices
ERU0602U24 – Medicinal
ERU0602U24A – Medicinal
ERU0602U24B – Medicinal
ERU0602U24C – Medicinal
ERU0602U24 – Devices

CFT 020-3139/24. Nitrile gloves sz small
CFT 020-3140/24. Nitrile gloves sz medium
CFT 020-3141/24. Nitrile gloves sz large
CFT 009-3142/24. Paint Brushes
CFT 020-3143/24. Monocontainers
CFT 009-3144/24. Recessed LED Lighting Units 600mm x 600mm
CFT 013-3145/24. Clear plastic bags with black HD overprints for the Ministry for Health and Active Ageing.
CFT 020-3146/24. Femoral Venous Perfusion Cannulae & Insertion Kits

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

6th February, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Procurement and Supplies), Ministry for Health and Active Ageing, notifies that:

CFT 009-3125/2. Supply of Paint Rollers,

published in the Government Gazette of 6th February, 2024, has been cancelled.

9th February, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Sourcing and Supplies Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Aging, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Monday, 12th February, 2024.

ERU0502U24. Medicinal
ERU0502U24A – Devices
ERU0502U24B – Devices
ERU0502U24 – Devices
ERU0602U24 – Medicinal
ERU0602U24A – Medicinal
ERU0602U24B – Medicinal
ERU0602U24C – Medicinal
ERU0602U24 – Devices

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Id-9 ta' Frar, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Sourcing and Supplies Management) għas-Central Procurement u Supplies Unit fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, 13 ta' Frar, 2024.

ERU0702U24 – Medicinal
ERU0702U24A – Medicinal
ERU0702U24B – Devices

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Id-9 ta' Frar, 2024

KUNSILL LOKALI L-FONTANA

Il-Kunsill Lokali l-Fontana jgħarraf illi:

Offerti elettroniċi jintlaqgħu permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali l-Fontana sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Marzu, 2024, għal:

Avviż Nru. FLC/01/2024. Provvista, konsenja u installazzjoni ta' sistema ta' CCTV camera esterna għall-Kunsill Lokali l-Fontana – diversi siti.

Id-dokumenti tal-kwotazzjoni huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Id-9 ta' Frar, 2024

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

9th February, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Sourcing and Supplies Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Aging, notifies that submissions for the ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. of Tuesday, 13th February, 2024.

ERU0702U24 – Medicinal
ERU0702U24A – Medicinal
ERU0702U24B – Devices

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

9th February, 2024

FONTANA LOCAL COUNCIL

The Fontana Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Fontana Local Council through ePPS up to 10.00 a.m. on Tuesday, 5th March, 2024, for:

Advt No. FLC/01/2024. Supply, delivery and installation of external CCTV camera system for the Fontana Local Council – various sites.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

9th February, 2024

KUNSILL LOKALI TA' SANNAT

Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat jgħarraf illi:

Offerti għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali Ta' Sannat sal-10.00 a.m. nhar it-Tlieta, 5 ta' Marzu, 2024, għal:

Avviż Nru. SNTLC/02/2024. Provvista u installazzjoni ta' CCTV cameras għal protezzjoni miżjuda u sigurtà tal-ambjent f'diversi toroq fil-lokalità ta' Ta' Sannat.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull kwotazzjoni, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Id-9 ta' Frar, 2024

TA' SANNAT LOCAL COUNCIL

The Ta' Sannat Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Ta' Sannat Local Council through ePPS up to 10.00 a.m. on Tuesday, 5th March, 2024, for:

Advt No. SNTLC/02/2024. Supply and installation of intelligent CCTV cameras for enhanced protection, safety and security of the environment for several roads within the locality of Ta' Sannat.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any quotation, even the most advantageous.

9th February, 2024

KUNSILL LOKALI TA' SANNAT

Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat jgħarraf illi:

Offerti għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali Ta' Sannat sad-9.30 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 12 ta' Marzu, 2024, għal:

Avviż Nru. SNTLC/01/2024. Xogħlijiet – offerta għal xogħlijiet ta' ilma mormi u ilma tax-xorb – Ta' Sannat, b'mod li jitħares l-ambjent.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull kwotazzjoni, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Id-9 ta' Frar, 2024

TA' SANNAT LOCAL COUNCIL

The Ta' Sannat Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Ta' Sannat Local Council through ePPS up to 9.30 a.m. on Tuesday, 12th March, 2024, for:

Advt No. SNTLC/01/2024. Works – tender for waste and potable water works – Ta' Sannat, in an environmentally friendly manner.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any quotation, even the most advantageous.

9th February, 2024

KUNSILL LOKALI SAN LAWRENZ

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz (Għawdex) jgħarraf lill-pubbliku ġenerali illi:

Kwotazzjonijiet għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Marzu, 2024, għal:

Kwot. Nru. SLLC/02/2024. Restawr ta' pittura fuq il-'main stage arch'.

Id-dokumenti tal-kwotazzjoni huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Id-9 ta' Frar, 2024

SAN LAWRENZ LOCAL COUNCIL

The San Lawrenz (Gozo) Local Council notifies the general public that:

Quotations will be received through ePPS up till 10.00 a.m. on Friday, 1st March, 2024, for:

Quot. No. SLLC/02/2024. Restoration of painting on main stage arch.

Quotation documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

9th February, 2024

Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali
L-Ewropa Tinvesti f'Żoni Rurali

European Agricultural Fund for Rural Development:
Europe Investing in Rural Areas

KUNSILL LOKALI SAN LAWRENZ

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz (Għawdex) jgħarraf lill-pubbliku ġenerali illi:

Kwotazzjonijiet għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Marzu, 2024, għal:

Kwot. Nru. SLLC/03/2024. Servizzi ta' uffiċjal ta' protezzjoni tad-data.

Id-dokumenti tal-kwotazzjoni huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Id-9 ta' Frar, 2024

SAN LAWRENZ LOCAL COUNCIL

The San Lawrenz (Gozo) Local Council notifies the general public that:

Quotations will be received through ePPS up till 10.00 a.m. on Friday, 1st March, 2024, for:

Quot. No. SLLC/03/2024. Services of a data protection officer.

Quotation documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

9th February, 2024

KUNSILL LOKALI SAN LAWRENZ

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz (Għawdex) jgħarraf lill-pubbliku ġenerali illi:

Offerti għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Marzu, 2024, għal:

Avviż Nru. SLLC/05/2024. Xogħlijiet – installazzjoni ta' bollards fi Pjazza San Lawrenz, San Lawrenz, Għawdex.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Id-9 ta' Frar, 2024

KUNSILL LOKALI BIRŻEBBUĠA

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti mill-Kunsill Lokali Birżebbuġa permezz tal-ePPS sa nofsinhar tat-Tnejn, 11 ta' Marzu, 2024, għal:

Offerta ta' servizzi għall-ġbir ta' skart goff u WEEE bl-użu ta' vettura b'emissjonijiet baxxi mil-lokalità ta' Birżebbuġa.

Id-dokumenti tal-offerti huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Id-9 ta' Frar, 2024

KUNSILL LOKALI L-QRENDI

Il-Kunsill Lokali l-Qrendi jgħarraf illi:

Sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 15 ta' Marzu, 2024, jintlaqgħu offerti għal:

Avviż Nru. QLC 1/24. Ġbir ta' skart goff u elettroniku mil-lokalità tal-Qrendi permezz ta' trasport b'emissjonijiet baxxi.

SAN LAWRENZ LOCAL COUNCIL

The San Lawrenz (Gozo) Local Council notifies the general public that:

Tenders will be received through ePPS up till 10.00 a.m. on Tuesday, 5th March, 2024, for:

Advt No. SLLC/05/2024. Works – installation of bollards at Pjazza San Lawrenz, San Lawrenz, Gozo.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

9th February, 2024

BIRŻEBBUĠA LOCAL COUNCIL

The Birżebbuġa Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Birżebbuġa Local Council through ePPS, up to noon of Monday, 11th March, 2024, for:

Services tender for the collection of bulky refuse and WEEE using low emission vehicle from the locality of Birżebbuġa.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

9th February, 2024

QRENDI LOCAL COUNCIL

The Qrendi Local Council notifies that:

Tenders will be received up till noon on Friday, 15th March, 2024, for:

Advt No. QLC 1/24. Collection of bulky refuse and WEE from the locality of Qrendi using low emission transport.

Id-dokumenti tal-kwotazzjoni huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Id-9 ta' Frar, 2024

KUNSILL LOKALI L-MUNXAR

Il-Kunsill Lokali l-Munxar jgħarraf li:

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Marzu, 2024, jintlaqgħu offerti fil-Kunsill Lokali l-Munxar permezz tal-ePPS, għal:

Avviż Nru. MXR/01/2024. Provvista, konsenja u installazzjoni ta' sistema ta' CCTV camera esterna għall-Kunsill Lokali l-Munxar – diversi siti.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jirriżerva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aħħar waħda vantaġġjuża.

Id-9 ta' Frar, 2024

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and downloaded from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

9th February, 2024

MUNXAR LOCAL COUNCIL

The Munxar Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Munxar Local Council through ePPS up to 10.00 a.m. on Tuesday, 5th March, 2024, for:

Advt No. MXR/01/2024. Supply, delivery and installation of external CCTV camera system for the Munxar Local Council – various sites.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

9th February, 2024

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

301

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fil-31 ta' Jannar, 2024 fuq rikors ta' Kalkara Marina Company Ltd bin-numru tar-reġistrazzjoni C49452, ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 6 ta' Marzu, 2024, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'Kalkara Marina, Xatt tal-Kalkara, Il-Kalkara, tal-bastiment hawn taħt deskritti maqbudin mingħand STDB.EU Limited bin-numru tar-reġistrazzjoni C39502 u Ricky Alan Reeves bil-passaport Ingliż numru 651825970 għal kull interess li jista' jkollu:

Bastiment bl-isem 'M/Y Simply The Dogs' bin-numru tar-reġistrazzjoni SSR 164642, b'Hull numru FR-H000TC01B505, bil-bandiera ta' Renju Unit u b'tul ta' ħmistax-il metru punt għaxra (15.10m).

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 31st January, 2024, on the application of Kalkara Marina Company Ltd with the registration C49452, Wednesday 6th March, 2024, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.) has been fixed for the sale by auction, to be held at Kalkara Marina, Xatt tal-Kalkara, Kalkara, of the following vessel seized from the property of STD.EU Limited with the registration number C39502 and Ricky Alan Reeves with the English passport number 651825970 for any interest he may have:

Vessel named 'M/Y Simply The Dogs' with the registration number SSR 164642, with Hull number FR-H000TC01B505, with the flag of the United Kingdom and with a length of fifteen point ten meters (15.10m).

N.B. L-imsemmi bastiment jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 10/23.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 5 ta' Frar, 2024

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur tal-Qrat Ċivili u Tribunali

N.B. The said vessel will be sold as described in the acts of judicial sale file number 10/23.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 5th Febrary, 2024

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

302

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri), fil-25 ta' Awwissu, 2023, fl-atti tar-Rikors numru 396/2020 fl-ismijiet Joseph Filletti (KI 0236036M), f'ismu proprju u bħala eredi universali ta' martu Emmanuela Filletti (KI 0760136M) vs Global Capital Financial Management Limited (C30053), ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Joseph Filletti pro et noe a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 396/2020 ppreżentat fl-20 ta' Ġunju, 2023, fl-ismijiet premessi s-soċjetà intimata Global Capital Financial Management Limited intavolat dan l-appell wara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti tal-31 ta' Jannar, 2023, li ġiet riveduta permezz ta' żewg sentenzi oħra deċiżi fid-29 ta' Mejju, 2023, wara rikorsi li saru mill-attur ai termini tal-artikoli 825 u 235 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li saru fid-9 ta' Frar, 2023; u l-appellanti qajment erba' aggravji billi ħassitha aggravata b'dawn id-deċiżjonijiet.

Għaldaqstant, is-soċjetà appellanti titlob umilment u bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tal-Appell jogħġobha tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti tal-31 ta' Jannar, 2023, li giet riveduta permezz ta' sentenzi oħra datati 29 ta' Mejju, 2023, fl-intier tagħha, filwaqt li tilqa' l-appell tas-soċjetà appellanti u tgħaddi biex tiċħad it-talbiet tal-atturi appellati kif dedotti u tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-esponenti. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati.

Notifika: Joseph Filletti pro et noe, Flat 2, Block 17, Santa Maria, Triq il-Ward, Il-Madliena

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum l-1 ta' Frar, 2024

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree delivered, by the Court of Appeal (Superior Jurisdiction), on the 25th August, 2023, in the records of Application number 396/2020 in the names Joseph Filletti (ID 0236036M), in his own name and as universal heir of his wife Emmanuela Filletti (ID 0760136M) vs Global Capital Financial Management Limited (C30053), the following publication was ordered for the purpose of service of Joseph Filletti pro et noe in terms of section 187(3) et sequitur of Cap. 12.

Whereas by means of Appeal Application number 396/2020 filed on the 20th June, 2023, in the names premised the respondent company Global Capital Financial Management Limited filed this appeal following a judgment of the First Hall Civil Court of the 31st January 2023 which was revised by means of two other judgements decided on the 29th May, 2023, following applications made by the plaintiff in terms of sections 825 and 235 of Cap. 12 of the Laws of Malta filed on the 9th February, 2023; and therefore the appellant raised four grounds of appeal as it felt aggrieved by these decisions.

Therefore, the appellant company humbly requests and with respect that this Honourable Court of Appeal cancels, revokes and annuls the judgment of the First Hall Civil Court of the 31st January, 2023, which was revised by means of other judgments dated 29th May, 2023, in its entirety, whilst upholding the appeal of the appellant company and passing on to dismiss the demands of the respondent plaintiffs as brought forward and to uphold the pleas of the exponent. With costs of both instances against the respondent plaintiffs.

Notification: Joseph Filletti pro et noe, Flat 2, Block 17, Santa Maria, Triq il-Ward, Madliena

Registry of the Courts of Appeal (Superior Jurisdiction), this day 1st February, 2024

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

303

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fil-21 ta' Awwissu 2023, fl-atti tar-Rikors numru 60/2020

By means of a decree delivered, by the Court of Appeal (Inferior Jurisdiction), on the 21st August 2023, in the records

fl-ismijiet Valhmor Borg Import Export Limited (C3063) vs Tapaz Malta Ltd (C79769) u Christopher McKay (KI 32891(M)) u l-kjamat in kawża Bo Patrick Alfvegren (KI 39421A), ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Bo Patrick Alfvegren a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru. 60/2020 ippreżentat fl-10 ta' Mejju, 2023, fl-ismijiet premessi l-appellat Christopher McKay ħassu aggravat bis-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li ngħatat nhar it-13 ta' April, 2023, fl-ismijiet premessi bl-aggravju tal-esponenti appellanti huwa li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet żbaljata meta sabet lill-intimat Christopher McKay responsabbli bħala garanti għall-konsenja ta' prodotti li ġew ordnati u kkonsenjati fi żmien li hu ma kellu xejn aktar x'jaqsam mal-kumpannija u floku assuma kull responsabbiltà l-kjamat in kawża Bo Patrick Alfvegren.

Għaldaqstant, l-esponenti, qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti timmodifika s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi, mogħtija fit-13 ta' April, 2023, u teħles lill-intimat appellant Christopher McKay minn kull kundanna jew debitu fil-konfront tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi fil-konfront tal-bqija tal-partijiet appellati. Bl-ispejjeż.

Ir-Rikors numru 60/2020 fl-ismijiet Valhmor Borg Import Export Limited (C3063) vs Tapaz Malta Ltd (C79769) u Christopher McKay (KI 32891M) u l-kjamat in kawża Bo Patrick Alfvegren (KI 39421A) jinsab iddifferit għat-8 ta' Marzu, 2024, fid-9.30 a.m.

Notifika: Bo Patrick Alfvegren, 652, Pender Gardens, Triq Ivo Muscat Azzopardi, San Ġiljan

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Inferjuri), illum l-1 ta' Frar, 2024

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

of the Application number 60/2020 in the names Valhmor Borg Import Export Limited (C3063) vs Tapaz Malta Ltd (C79769) and Christopher McKay (ID 32891 (M)) and the party joined in suit Bo Patrick Alfvegren (ID 39421A), the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Bo Patrick Alfvegren in terms of section 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of the application of Appeal number 60/2020 filed on the 10th May, 2023, in the names premised above the respondent Christopher McKay felt aggrieved by the decision of the Court of Magistrates (Malta) which was delivered on the 13th April, 2023, in the names premised on the ground of appeal that the Honourable First Court erred when it found the respondent Christopher McKay responsible as guarantor for the delivery of products which were ordered and delivered at a time when he had nothing more to do with the company and in his stead the party joined in suit Bo Patrick Alfvegren had assumed all responsibility.

Therefore, the appellant, is requesting this Honourable Court to modify the judgment appealed in the names premised, delivered on the 13th April, 2023, and to release the appellant Christopher McKay from all condemnation or debt against him, with costs of both instances against the rest of the respondent parties. With costs.

Application number 60/2020 in the names Valhmor Borg Import Export Limited (C3063) vs Tapaz Malta Ltd (C79769) and Christopher McKay (ID 32891 M) and the party called into the suit Bo Patrick Alfvegren (ID 39421A) is deferred to the 8th March, 2024, at 9.30 a.m.

Notification : Bo Patrick Alfvegren, 652, Pender Gardens, Triq Ivo Muscat Azzopardi, St Julian's

Registry of the Courts of Appeal (Inferior Jurisdiction), this day 1st February, 2024

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

304

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fl-10 ta' Jannar, 2024, fl-atti tar-Rikors numru 307/2016 fl-ismijiet Muracel Limited vs Forte Detergents Limited, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà Forte Detergents Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 307/2016 ppreżentat fis-17 ta' Lulju, 2023, fl-ismijiet premessi, is-soċjetà appellanti Muracel Limited (C48673) ħassitha aggravata bis-sentenza mogħtija fit-3 ta' Lulju, 2023, fejn

By means of a decree delivered, by the Court of Appeal (Inferior Jurisdiction), on the 10th January, 2024, in the records of Application number 307/2016 in the names Muracel Limited vs Forte Detergents Limited, the following publication was ordered for the purpose of service of the company Forte Detergents Limited in terms of section 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of the Application number 307/2016 filed on the 17th July, 2023, in the names premised above the appellant company Muracel Limited (C48673) felt aggrieved by the judgment given on the 3rd July, 2023, wherein the

l-Onorabbli Qorti tal-ewwel istanza ċaħdet it-talba kif magħmula mill-attriċi u laqgħet l-eċċezzjoni mressqa mill-konvenuta li m'hemm ebda relazzjoni ġuridika mal-attriċi, bl-ispejjeż kontra l-attriċi odjerna appellanti. L-aggravju tal-attriċi huwa ċar u manifest, billi fuq il-provi prodotti l-Onorabbli Qorti tal-ewwel istanza kellha ssib li r-relazzjoni ġuridika tal-attriċi kienet tassew mal-konvenuta appellata u ma' ħadd aktar.

Għaldaqstant, is-soċjetà appellanti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilqa' dan l-umili appell u konsegwentement tgħaddi biex tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet 'Muracel Limited vs Forte Detergents Limited' (Avviż numru 307/2016 CFF) fit-3 ta' Lulju, 2023, u minflok tgħaddi biex tilqa' t-talbiet attriċi wara li tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuta appellata, bl-ispejjeż.

Ir-Rikors numru 307/2016 fl-ismijiet Muracel Limited vs Forte Detergents Limited jinsab iddifferit għas-6 ta' Marzu, 2024, fid-9.10 a.m.

Notifika: Forte Detergents, UBT3, Industrial Estate, San Gwann.

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Inferjuri), illum 5 ta' Frar, 2024

